# REGOLAMENT (UE) 2017/2393 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Diċembru 2017

## li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 168(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([4]),

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati ċertezza legali u implimentazzjoni armonizzata u nondiskriminatorja tal-appoġġ lil bdiewa żgħażagħ, jeħtieġ li fil-kuntest tal-iżvilupp rurali jkun previst li d-"data tal-istabbiliment", imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u f'regoli rilevanti oħrajn, tfisser id-data meta l-applikant iwettaq jew ilesti azzjoni relatata mal-istabbiliment għall-ewwel darba u li l-applikazzjoni għall-appoġġ trid tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 24 xahar wara dik id-data. Barra minn hekk, l-esperjenza min-negozjati tal-programmi wriet li r-regoli għall-istabbiliment konġunt ta' bdiewa żgħażagħ u l-limiti għall-aċċess għall-appoġġ meħtieġa taħt l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandhom jiġu ċċarati, u li d-dispożizzjonijiet dwar id-durata tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandhom jiġu ssimplifikati.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' konsulenza u taħriġ mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-istatus ta' benefiċjarju taħt dik il-miżura jiġi estiż għal dawk l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-fornitur tas-servizz jintgħażel minn korp funzjonalment indipendenti minn dawk l-awtoritajiet u li l-verifiki jitwettqu fil-livell tal-fornitur tal-konsulenza jew tat-taħriġ.

(3) Bil-ħsieb li tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni fi skemi ta' kwalità, jenħtieġ li l-bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li jieħdu sehem f'tali skemi fil-ħames snin qabel l-applikazzjoni għall-appoġġ ikunu eliġibbli għal perijodu ta' żmien ta' mhux aktar minn ħames snin, filwaqt li jittieħed kont dovut taż-żmien tal-parteċipazzjoni inizjali fl-iskema.

([1]) ĠU C 91, 23.3.2017, p. 1.
([2]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.
([3]) ĠU C 306, 15.9.2017, p. 64.
([4]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017.
([5]) Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

(4) Sabiex ikunu attraenti biżżejjed għas-settur privat, hu essenzjali li l-istrumenti finanzjarji jkunu mfassla u implimentati b'mod flessibbli u trasparenti. Madankollu, l-esperjenza wriet li ċerti regoli dwar l-eliġibbiltà speċifiċi għall-miżuri jillimitaw l-użu ta' strumenti finanzjarji fil-programmi ta' żvilupp rurali, kif ukoll l-użu flessibbli ta' strumenti finanzjarji mill-maniġers ta' fondi. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi previst li ċerti regoli dwar l-eliġibbiltà speċifiċi għall-miżuri ma japplikawx għal strumenti finanzjarji. Għall-istess raġuni, xieraq ukoll li jiġi previst li l-appoġġ għall-bidu tal-istabbiliment lill-bdiewa żgħażagħ taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' strumenti finanzjarji. Fid-dawl ta' dawk il-bidliet, jenħtieġ li jiġi previst li, fejn l-appoġġ għall-investimenti taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-investiment irid jikkontribwixxi għal prijorità waħda jew aktar tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv b'rabta mal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' ebda finanzjament doppju fir-rigward tal-ekoloġizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li japplikaw tnaqqis medju, fiss għall-benefiċjarji kollha kkonċernati li jwettqu t-tip ta' operazzjoni jew submiżura kkonċernata.

(6) Illum il-ġurnata l-bdiewa huma esposti għal riskji ekonomiċi dejjem akbar bħala konsegwenza tal-iżviluppi fis-suq. Madankollu, dawk ir-riskji ekonomiċi ma jaffettwawx lis-setturi agrikoli kollha bl-istess mod. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li, f'każijiet debitament ġustifikati, jgħinu lill-bdiewa permezz ta' għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur, b'mod partikolari għal setturi milqutin minn tnaqqis qawwi fid-dħul li jkollu impatt ekonomiku qawwi għal qasam rurali speċifiku, dment li t-tnaqqis fid-dħul jaqbeż limitu ta' mill-inqas 20 %. Sabiex jiġi żgurat li l-għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur hija effikaċi u adattata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli għalihom li jiddefinixxu, fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, id-dħul li għandu jittieħed kont tiegħu għall-attivazzjoni tal-għodda, b'mod flessibbli. Fl-istess waqt, u sabiex jiġi promoss l-użu ta' assigurazzjoni mill-bdiewa, jenħtieġ li l-limitu għat-tnaqqis fil-produzzjoni applikabbli għall-assigurazzjoni jonqos għal 20 %. Barra minn hekk, sabiex tiġi sorveljata n-nefqa li ssir taħt l-għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur u l-assigurazzjoni, jenħtieġ li jiġi adattat il-kontenut tal-pjan finanzjarju tal-programm.

(7) L-obbligu ta' rapportar speċifiku għall-miżura ta' ġestjoni tar-riskju fl-2018 imsemmi fl-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 diġà huwa kopert mir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni (PAK) imsemmi fl-Artikolu 110(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għaldaqstant, jenħtieġ li jitħassar it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(8) Rigward il-fondi mutwi għal bdiewa tas-setturi kollha, jidher li l-projbizzjoni ta' kwalunkwe kontribuzzjoni minn fondi pubbliċi għal stokk kapitali inizjali stabbilita fl-Artikolu 38(3) u l-Artikolu 39(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ixxekkel il-funzjonament effettiv ta' dawk il-fondi. Għaldaqstant jenħtieġ li titħassar dik il-projbizzjoni. Huwa wkoll xieraq li jiġu estiżi l-oqsma li jistgħu jiġu koperti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, sabiex il-kontribuzzjonijiet ikunu jistgħu jissupplimentaw il-pagamenti annwali fil-fondi, kif ukoll jirrelataw mal-istokk kapitali tagħhom.

(9) L-appoġġ għall-investimenti għall-irkupru tal-potenzjal ta' produzzjoni wara diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi taħt il-punt (b) tal-Artikolu 18(1) u taħt il-punt (d) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 normalment jingħata lill-applikanti eliġibbli kollha. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla għall-operazzjonijiet ta' rkupru. Barra minn hekk, f'każijiet debitament ġustifikati, fejn ma jkunx possibbli li jiġu ddefiniti kriterji tal-għażla minħabba l-għamla tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiddefinixxu metodi tal-għażla alternattivi.

(10) L-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiddefinixxi r-rati massimi tal-kontribuzzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Sabiex tittaffa l-pressjoni fuq il-baġit nazzjonali ta' ċerti Stati Membri u sabiex jiġu aċċellerati investimenti tassew meħtieġa f'Ċipru, jenħtieġ li r-rata massima tal-kontribuzzjoni ta' 100 % imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 59(4) tiġi estiża sa meta jagħlaq il-programm. Barra minn hekk,

([1]) Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir- Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

jenħtieġ li referenza għar-rata ta' kontribuzzjoni speċifika introdotta fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għall-istrument finanzjarju l-ġdid imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tissemma fl-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(11) Skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, f'każijiet ta' miżuri ta' emerġenza dovuti għal diżastri naturali, l-eliġibbiltà tan-nefqa relatata mal-bidliet fil-programmi tista' tibda mid-data li fiha seħħ id-diżastru naturali. Jenħtieġ li dik il-possibbiltà li n-nefqa ssir eliġibbli qabel is-sottomissjoni ta' emenda għall-programm tiġi estiża għal ċirkustanzi oħrajn, bħal avvenimenti katastrofiċi jew bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun.

(12) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 60(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, fir-rigward ta' investimenti fis-settur agrikolu, hija biss dik in-nefqa mġarrba wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni li tkun eliġibbli. F'każijiet, madankollu fejn l-investiment ikun relatat ma' miżuri ta' emerġenza dovuti għal diżastri naturali, għal avvenimenti katastrofiċi jew għal avvenimenti klimatiċi avversi jew għal bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jipprevedu fil-programmi tagħhom li n-nefqa mġarrba wara li jseħħ l-avveniment tkun eliġibbli, sabiex jiġi żgurat ir-rispons flessibbli u f'waqtu tagħhom għal tali avvenimenti. Sabiex jiġi provdut appoġġ effiċjenti għal operazzjonijiet ta' emerġenza mwettqa mill-Istati Membri bħala rispons għal avvenimenti li okkorrew fl-aħħar snin, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika mill-1 ta' Jannar 2016.

(13) Sabiex jiżdied l-użu tal-għażliet tal-kost issimplifikati msemmijin fil-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jeħtieġ li r-regoli speċifiċi għall-FAEŻR stabbiliti fl-Artikolu 62(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiġu limitati għal għajnuna mogħtija skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(1), rigward id-dħul mitluf u l-kostijiet tal-manutenzjoni, u l-Artikoli 28 sa 31, 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(14) L-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonsultaw lill-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-programm ta' żvilupp rurali dwar il-kriterji tal-għażla fi żmien erba' xhur mill-approvazzjoni tal-programm. Dan joħloq obbligu indirett sabiex l-Istati Membri jkunu ddefinixxew il-kriterji tal-għażla kollha sa dik id-data anki għas-sejħiet għall-applikazzjoni li jitnedew sussegwentement. Sabiex jonqos il-piż amministrattiv żejjed, filwaqt li jiġi żgurat li r-riżorsi finanzjarji jintużaw bl-aħjar mod possibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiddefinixxu l-kriterji tal-għażla u jitolbu l-opinjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ fi kwalunkwe waqt qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal applikazzjonijiet.

(15) Bil-ħsieb li jiżdied l-użu tal-assigurazzjoni fuq l-uċuħ tar-raba', tal-annimali u tal-pjanti, u tal-fondi mutwi u l-għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul, jenħtieġ li l-perċentwal massimu ta' appoġġ pubbliku inizjali jiżdied minn 65 % sa 70 %.

(16) Id-dixxiplina finanzjarja tintuża sabiex jiġi żgurat li l-baġit għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jikkonforma mal-limiti massimi rispettivi tal-qafas finanzjarju pluriennali u sabiex tiġi stabbilita r-riserva għal kriżijiet fis-settur agrikolu. Minħabba l-karattru tekniku tad-determinazzjoni tar-rata ta' aġġustament għal pagamenti diretti u r-rabtiet inerenti tagħha mal-istimi tan-nefqa tal-Kummissjoni stipulati fl-abbozz tal-baġit annwali tagħha, il-proċedura għall-issettjar tar-rata ta' aġġustament għandha tiġi ssimplifikata billi l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tadottaha skont il-proċedura konsultattiva.

(17) Sabiex jiġu armonizzati r-regoli dwar id-diżimpenn awtomatiku stabbiliti fl-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jenħtieġ li d-data sa meta l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar eċċezzjonijiet għad-diżimpenn, imsemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tiġi adattata.

(18) Sabiex tiġi prevista ċarezza legali rigward it-trattament tal-irkupri ġġenerati mit-tnaqqis temporanju taħt l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, dan tal-aħħar għandu jkun inkluż fil-lista ta' sorsi tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament.

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il- Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(19) Fl-interess tas-simplifikazzjoni amministrattiva, huwa xieraq li l-limitu, li taħtu l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jipproċedux għall-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti, jiżdied minn EUR 150 għal EUR 250 dment li l-Istat Membru japplika limitu ugwali jew ogħla biex ma jipproċedix għall-irkupru ta' djun nazzjonali.

(20) Huwa xieraq li jiġi żgurat li ċ-ċaħda jew l-irkupru ta' pagamenti bħala riżultata ta' nonkonformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku jirriflettu l-gravità ta' tali nonkonformità u jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif espress, pereżempju, fil-linji gwida rilevanti stabbiliti mill-Kummissjoni sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża għan-nonkonformità mat-tali regoli. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat li tali nonkonformità taffettwa l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet biss sal-livell tal-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata.

(21) Sabiex jonqos il-piż amministrattiv għall-bdiewa ż-żgħar, jenħtieġ li tiġi introdotta deroga oħra, li teżenta lill-bdiewa ż-żgħar milli jiddikjaraw irqajja' li fuqhom ma saritx applikazzjoni għal pagament.

(22) Fir-rigward ta' diffikultajiet prattiċi u speċifiċi li rriżultaw mill-armonizzazzjoni tal-iskadenzi għall-pagamenti għal pagamenti relatati mal-erja bejn l-FAEG u l-FAEŻR, jenħtieġ li l-perijodu tranżizzjonali jiġi estiż b'sena oħra. Madankollu, fir-rigward tal-miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja, sabiex jinżamm il-fluss tal-flus tal-bdiewa, jenħtieġ li jibqgħu possibbli l-pagamenti bil-quddiem qabel is-16 ta' Ottubru.

(23) Sabiex tiġi akkomodata d-diversità tas-sistemi agrikoli fl-Unjoni, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jikkunsidraw il-ħrit, li huwa rilevanti għall-aspetti agronomiċi u ambjentali, bħala kriterju li jintuża għall-klassifi-kazzjoni ta' bwar permanenti.

(24) Ċerti arbuxelli jew siġar li mhumiex għar-ragħa diretta tal-annimali jistgħu xorta jipproduċu għalf tal-annimali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jinkludu dawk l-arbuxelli jew siġar f'bur permanenti fejn ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti, fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu.

(25) Sabiex tiġi ċċarata l-klassifikazzjoni qabel l-2018 tal-art li titħalla tistrieħ bħala raba', li kienet stabbilita għal ħames snin jew aktar, u biex tingħata ċertezza lill-bdiewa kkonċernati, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu l-klassifikazzjoni tagħha bħala raba' fl-2018.

(26) L-art li tista' tkun għar-ragħa, fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor mhumiex predominanti jew huma assenti, u fejn il-prattiki tar-ragħa la huma tradizzjonali fil-karattru tagħhom u lanqas mhuma importanti għall-konser-vazzjoni ta' bijotopi u ħabitat, tista' madankollu jkollha valur ta' ragħa rilevanti f'ċerti erjas. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu dawk l-erjas bħala bwar permanenti fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu.

(27) L-esperjenza miksuba fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) uriet li ċerti Stati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja ma użawx l-ammont sħiħ tal-fondi disponibbli taħt il-limiti massimi baġitarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimen-tazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1089 ([2]). L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament bażiku diġà għandhom il-possibbiltà, sa ċerti limiti, li jiddistribwixxu intitolamenti għal pagamenti għal valur ogħla mill-ammont disponibbli għall-iskema ta' pagament bażiku sabiex jiżguraw użu aktar effiċjenti tal-fondi. L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom jitħallew ukoll, fi ħdan l-istess limiti komuni u mingħajr ħsara għar-rispett tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti, jikkalkolaw l-ammont neċessarju li bih jista' jiżdied il-limitu massimu tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja tagħhom.

(28) Ċerti Stati Membri joperaw reġistri nazzjonali fiskali jew tas-sigurtà soċjali li fihom il-bdiewa huma rreġistrati għall-attivitajiet agrikoli tagħhom. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jkunu jistgħu jeskludu mill-eliġibilità għal pagamenti diretti bdiewa li mhumiex irreġistrati skont il-każ.

([1]) Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal- Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1089 tas-6 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2015 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistipulaw is- sehem speċjali għat-tneħħija tal-mini fil-Kroazja (ĠU L 176, 7.7.2015, p. 29).

(29) Minħabba li l-esperjenza miksuba fil-passat uriet li f'għadd ta' każijiet l-appoġġ ingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-fini ta' negozju tagħhom ma kienx, jew kien biss marġinalment, immirat lejn attività agrikola, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 introduċa l-klawżola tal-bidwi attiv. Taħt dan, l-Istati Membri għandhom joqgħodu lura milli jagħtu pagamenti diretti lil ċerti persuni sakemm tali persuni ma jkunux jistgħu juru li l-attività agrikola tagħhom mhijiex marġinali. Madankollu, l-esperjenza sussegwenti turi li l-implimentazzjoni tat-tliet kriterji sabiex wieħed jitqies bħala bidwi attiv, elenkati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, irriżultat diffiċli għal ħafna Stati Membri. Sabiex jonqos il-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni ta' dawk it-tliet kriterji, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu li wieħed jew tnejn minnhom biss isiru disponibbli biex jintwera li persuna hija bidwi attiv.

(30) Barra minn hekk, l-esperjenza ta' xi Stati Membri hija li d-diffikultajiet u l-ispejjeż amministrattivi għall-implimentazzjoni tal-elementi relatati mal-lista ta' attivitajiet jew negozji kif previst fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kienu akbar mill-benefiċċju tal-esklużjoni ta' għadd limitat ħafna ta' benefiċjarji li mhumiex attivi mill-iskemi ta' appoġġ dirett. Meta Stat Membru iqis li dan huwa l-każ, jenħtieġ li jkun jista' jwaqqaf l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tiegħu fir-rigward tal-lista ta' attivitajiet jew negozji.

(31) Huwa xieraq li jkun espliċitu li l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jippermetti lill-Istati Membri biex jirrieżaminaw, fuq bażi annwali, id-deċiżjonijiet tagħhom dwar it-tnaqqis tal-parti tal-pagament bażiku li għandu jingħata lill-bdiewa ta' aktar minn EUR 150 000, dment li tali rieżami ma jwassalx għal tnaqqis tal-ammonti disponibbli għall-iżvilupp rurali.

(32) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw l-appoġġ taħt il-PAK għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jenħtieġ li huma jingħataw opportunitajiet xierqa sabiex jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom dwar it-trasferiment ta' fondi mil-limitu massimu tagħhom tal-pagamenti diretti għall-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom u viċe versa. Għaldaqstant jenħtieġ li huma jingħataw il-possibbiltà wkoll li jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom b'effett mis-sena kalendarja 2019, dment li kwalunkwe talideċiżjoni ma tinvolvix xi tnaqqis fl-ammonti assenjati għall-iżvilupp rurali.

(33) Minbarra l-użu ta' tnaqqis lineari tal-valur tal-intitolamenti għal pagamenti taħt l-iskema ta' pagament bażiku sabiex jerġgħu jimtlew ir-riżervi nazzjonali jew reġjonali biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u bdiewa li jkunu qed jibdew l-attività agrikola tagħhom fl-iskema ta' appoġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw ukoll l-istess mekkaniżmu biex jiġu ffinanzjati miżuri meħuda biex jiġi evitat l-abbandun tal-art u biex il-bdiewa jiġu kkumpensati għal żvantaġġi speċifiċi.

(34) Sabiex tiġi ssimplifikata u tittejjeb il-konsistenza bejn ir-regoli applikabbli għall-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni mill-obbligu tal-erja b'fokus ekoloġiku applikabbli għal azjendi li jikkultivaw uċuħ tar-raba' leguminużi bħala l-uniċi uċuħ tar-raba' jew flimkien ma' ħaxix jew foraġġ erbaċew jew ieħor jew art li titħalla tistrieħ fuq aktar minn 75 % tar-raba' skont il-punt (a) tal-Artikolu 46(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tiġi estiża għall-obbligu tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'.

(35) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-mod kif jitqiesu diversi tipi ta' uċuħ tar-raba', minħabba s-sehem sostanzjali tagħhom fl-erjas, relattivament għar-rekwiżit ta' diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', jenħtieġ li l-flessibilità fl-applikazzjoni tar-regoli ta' diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' taħt l-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tiġi estiża biex tinkludi l-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sostanzjali tas-sena jew għal parti sostanzjali taċ-ċiklu tal-uċuħ tar-raba'.

(36) Sabiex jiġu razzjonalizzati l-eżenzjonijiet eżistenti mill-obbligu ta' diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' stabbilit fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, applikabbli għal art użata predominantement għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, jew għall-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' leguminużi jew il-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' taħt l-ilma, jew li hija predominantement art li titħalla tistrieħ jew bur permanenti, u b'hekk biex jiġi previst trattament indaqs għall-bdiewa kollha bl-istess proporzjonijiet tal-użu tal-art, jenħtieġ li l-limitu massimu ta' 30 ettaru ta' raba' ma jkunx aktar applikabbli.

(37) Sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċità agronomika tat-Triticum spelta, jenħtieġ li titqies bħala wiċċ tar-raba' għall-fini tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

(38) Sabiex jiġu razzjonalizzati l-eżenzjonijiet eżistenti mill-obbligu ta' erja b'fokus ekoloġiku stabbilit fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 46(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, applikabbli għal art użata predominantement għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, jew għall-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' leguminużi jew il-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' taħt l-ilma, jew li hija predominantement art li titħalla tistrieħ jew bur permanenti, jenħtieġ li l-limitu massimu ta' 30 ettaru ta' raba' ma jkunx aktar applikabbli.

(39) Fid-dawl tal-potenzjal għal benefiċċji ambjentali indiretti għall-bijodiversità li jistgħu jiġu pprovduti minn ċerti uċuħ tar-raba' permanenti, jenħtieġ li l-lista tat-tipi ta' erjas b'fokus ekoloġiku stabbilita fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tiġi estiża biex tinkludi Miscanthus u Silphium perfoliatum. Fid-dawl tal-fatt li t-tip ta' kopertura ta' veġetazzjoni jista' jaffettwa l-kontribut għall-bijodiversità mill-art li titħalla tistrieħ, jenħtieġ li l-art li titħalla tistrieħ għal pjanti li jipproduċu l-għasel tiġi rikonoxxuta bħala erja b'fokus ekoloġiku distinta. Konsegwentement, jenħtieġ li jiġu stabbiliti fatturi ta' ppeżar għal Miscanthus, Silphium perfoliatum u art li titħalla tistrieħ għal pjanti li jipproduċu l-għasel. Jenħtieġ li fatturi ta' ppeżar jiġu stabbiliti b'tali mod li jirrifletti l-importanza differenti tagħhom għall-bijodiversità. L-introduzzjoni ta' tipi addizzjonali ta' erjas b'fokus ekoloġiku teħtieġ il-fatturi ta' ppeżar eżistenti għal erja b'uċuħ tar-raba' li jiffissaw in-nitroġenu u għal imsajġar ta' rotazzjoni qasira li jridu jiġu adattati sabiex jirriflettu l-bilanċ ġdid bejn it-tipi kollha ta' erja b'fokus ekoloġiku.

(40) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-iskema ta' appoġġ għal bdiewa żgħażagħ skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 uriet li, f'ċerti każijiet, bdiewa żgħar ma jistgħux jibbenefikaw mill-ħames snin sħaħ ta' appoġġ. Filwaqt li l-attenzjoni ewlenija ta' dak l-appoġġ tibqa' fuq attività ekonomika ġdida minn żgħażagħ li jkunu qed jibdew l-attivitajiet ta' biedja tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess ta' bdiewa żgħażagħ għall-ħames snin sħaħ ta' pagamenti għal bdiewa żgħażagħ anke f'każijiet fejn il-bdiewa żgħażagħ ma applikawx għall-appoġġ immedjatament wara l-istabbiliment.

(41) Xi Stati Membri vvalutaw li l-pagament ipprovdut lill-bdiewa żgħażagħ skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa insuffiċjenti biex jirrispondi adegwatament għall-isfidi finanzjarji tal-istabbiliment inizjali u l-aġġustament strutturali tal-azjendi agrikoli stabbiliti mill-bdiewa żgħażagħ. Biex jitjiebu aktar il-prospetti għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ fil-biedja, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu li jżidu l-perċentwali applikata biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' pagament għall-bdiewa żgħażagħ fil-medda ta' bejn 25 % u 50 % u irrispettivament mill-metodu ta' kalkolu applikat. Jenħtieġ li tali deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għal-limitu ta' 2 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti biex jiġi ffinanzjat il-pagament għall-bdiewa żgħażagħ.

(42) Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza fir-rigward tal-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-karatteristika ta' limitazzjoni tal-produzzjoni tal-appoġġ akkoppjat volontarju, huwa xieraq li jiġi riformulat l-Artikolu 52(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Billi r-riformulazzjoni tirrifletti l-prattika attwali mill-1 ta' Jannar 2015 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati, huwa xieraq li tkun tapplika mis-sena ta' pretensjoni 2015.

(43) Sabiex tiġi żgurata l-akbar konsistenza possibbli bejn skemi tal-Unjoni li għandhom fil-mira setturi li, f'ċerti snin, huma mmarkati bi żbilanċi strutturali fis-suq, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jippermettu l-Istati Membri jiddeċiedu li l-appoġġ akkoppjat volontarju jista' jkompli jitħallas sal-2020 fuq il-bażi tal-unitajiet tal-produzzjoni li għalihom ingħata tali appoġġ f'perijodu ta' referenza fl-imgħoddi.

(44) Sabiex titjieb il-flessibbiltà fir-rigward tal-appoġġ akkoppjat volontarju, jenħtieġ li jkun jista' jsir rieżami annwali mill-Istati Membri tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tagħhom b'effett mis-sena tat-talba 2019.

(45) Wieħed mill-ostakli ewlenin għall-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, l-aktar fl-Istati Membri li għadhom lura fir-rigward tal-livell ta' organizzazzjoni, jidher li huwa n-nuqqas ta' fiduċja reċiproka u esperjenzi fl-imgħoddi. F'dan il-kuntest, l-ikkowċjar, fejn l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li diġà qegħdin jaħdmu jiggwidaw lil organizzazzjonijiet ta' produtturi, gruppi ta' produtturi jew produtturi individwali ta' frott u ħxejjex oħrajn, jista' jpatti għal dak l-ostaklu u b'hekk jenħtieġ li jkun inkluż fost l-objettivi tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

(46) Minbarra l-irtirar għad-distribuzzjoni b'xejn, huwa xieraq ukoll li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet ta' kkowċjar maħsuba biex il-produtturi jitħeġġu jwaqqfu organizzazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji sabiex jiġu rikonoxxuti u jkunu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament sħiħ mill-Unjoni fi ħdan il-programmi operazzjonali ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi eżistenti.

(47) Il-miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikopru r-riforniment tal-fondi mutwi li, bħala strumenti ġodda, jistgħu jgħinu biex jiġu miġġielda l-kriżijiet, kif ukoll il-promozzjoni u l-komunikazzjoni sabiex jiġu diversifikati u kkonsolidati s-swieq tal-frott u l-ħxejjex.

(48) Sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura attwali li l-ewwel jiġu awtorizzati l-Istati Membri biex jagħtu assistenza finanzjarja nazzjonali addizzjonali lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi f'reġjuni tal-Unjoni fejn il-livell ta' organizzazzjoni huwa partikolarment baxx u mbagħad tiġi rimborżata parti mill-assistenza finanzjarja nazzjonali jekk jiġu rrispettati kondizzjonijiet ulterjuri, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ġdida għal Stati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni jkun sew taħt il-medja tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel mill-proċedura kurrenti għas-sistema l-ġdida, jenħtieġ li jsir provvediment għal perijodu tranżizzjonali ta' sena. Is-sistema l-ġdida għalhekk jenħtieġ li ssir applikabbli mill-1 ta' Jannar 2019.

(49) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ispirti tal-inbid b'indikazzjoni ġeografika kontra r-riskji ta' miżapproprjazzjoni tar-reputazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw ir-regoli dwar awtorizzazzjonijiet għat-taħwil ta' dwieli adatti għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika anke għal inbejjed li huma adattati għall-produzzjoni ta' spirti tal-inbid b'indikazzjoni ġeografika.

(50) L-użu ta' kuntratti fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib jista' jgħin biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-operaturi u tiżdied il-kuxjenza tagħhom dwar il-bżonn li jittieħed kont aħjar tas-sinjali tas-suq, biex titjieb it-trasmissjoni tal-prezzijiet u biex jadattaw il-provvista mad-domanda, kif ukoll jgħin biex jiġu evitati ċerti prattiki kummerċjali mhux ġusti. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' dawn il-kuntratti fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib kif ukoll f'setturi oħrajn, il-produtturi, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu kuntratt bil-miktub, anki jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel l-użu ta' tali kuntratti obbligatorju.

(51) Filwaqt li l-partijiet għal kuntratt għall-kunsinna ta' ħalib mhux ipproċessat huma liberi li jinnegozjaw l-elementi ta' tali kuntratti, l-Istati Membri li jagħmlu obbligatorju l-użu ta' kuntratti ngħataw l-opportunità li jimponu ċerti klawżoli kuntrattwali, b'mod partikolari id-durata minima tagħhom. Bl-għan li l-partijiet ikunu jistgħu jiksbu ċarezza kuntrattwali dwar il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-prezzijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jimponu fuq il-partijiet l-obbligu li jsir qbil dwar ir-relazzjoni bejn il-kwantità kkonsenjata u l-prezz pagabbli għal dik il-kunsinna.

(52) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom jistgħu jaqdu rwoli utli fil-konċentrazzjoni tal-provvista, it-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni, l-ippjanar u l-aġġustament tal-produzzjoni skont id-domanda, l-aħjar użu possibbli tal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi, it-twettiq ta' riċerka, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki u l-provvista ta' għajnuna teknika, il-ġestjoni tal-prodotti sekondarji u tal-għodod tal-ġestjoni tar-riskji disponibbli għall-membri tagħhom, biex b'hekk jagħtu kontribut għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina alimentari. Għaldaqstant, l-attivitajiet tagħhom, inklużi n-negozjati kuntrattwali għall-forniment ta' prodotti agrikoli minn tali organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom meta jikkonċentraw il-provvista u jqiegħdu l-prodotti tal-membri tagħhom fis-suq, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK stabbilita fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), peress li dawn isaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u jistgħu jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista alimentari. Ir-riforma tal-PAK fl-2013 saħħet ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. B'deroga mill-Artikolu 101 tat-TFUE, il-possibbiltà li jitwettqu attivitajiet bħall-ippjanar tal-produzzjoni, l-aħjar użu tal-ispejjeż, it-tqegħid tal-prodotti tal-membri tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-suq u t-tmexxija ta' negozjati kuntrattwali għandha għalhekk tiġi regolata b'mod espliċitu bħala dritt ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti fis-setturi kollha li għalihom ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq. Dik id-deroga għandha tkopri biss organizzazzjonijiet ta' produtturi li ġenwinament jeżerċitaw attività mmirata lejn l-integrazzjoni ekonomika u li jikkonċentraw il-provvista u jqiegħdu l-prodotti tal-membri tagħhom fis-suq. Madankollu, minbarra l-applikazzjoni tal-Artikolu 102 tat-TFUE għal dawn l-organizzazzjonijiet ta' produtturi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji sabiex ikun żgurat li tali attivitajiet ma jeskludux il-kompetizzjoni jew jipperikolaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 39 tat-TFUE. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jintervjenu f'każijiet bħal dawn u jiddeċiedu li tali attivitajiet ikollhom, għall-futur, jiġu modifikati, ma jitkomplewx jew ma jsirux. Jenħtieġ li, sal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni, l-attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tal-produtturi jitqiesu bħala legali. Jenħtieġ li l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 156(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jkunu jistgħu jiddependu, għall-attivitajiet li jwettqu huma stess, fuq dik id-deroga sal-istess punt u taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

([1]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(53) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma rikonoxxuti f'settur speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, peress li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu joperaw f'aktar minn settur wieħed, u fl-interess li jiġi evitat piż amministrattiv minħabba l-obbligu li joħolqu diversi organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-finijiet ta' rikonoxximent, jenħtieġ li jkun possibbli għal organizzazzjoni ta' produtturi li tikseb aktar minn rikonoxximent wieħed. Madankollu, f'tali każijiet, jenħtieġ li l-organizzazzjoni ta' produtturi inkwistjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' rikonoxximent għal kull wieħed mis-setturi kkonċernati.

(54) B'kont meħud tar-rwol li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jaqdu fil-funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista alimentari, il-lista ta' objettivi possibbli li jistgħu jippruvaw jilħqu dawn l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri wkoll miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji marbuta mas-saħħa tal-annimali, il-protezzjoni tal-pjanti u l-ambjent.

(55) L-organizzazzjonijiet interprofessjonali huma rikonoxxuti f'settur speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Madankollu, peress li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu joperaw f'aktar minn settur wieħed u, fl-interess li jiġi evitat piż amministrattiv minħabba l-obbligu li joħolqu diversi organizzazzjonijiet interprofessjonali għall-finijiet ta' rikonoxximent, jenħtieġ li jkun possibbligħal organizzazzjoni interprofessjonali li tikseb aktar minn rikonoxximent wieħed. Madankollu, f'tali każijiet, jenħtieġ li l-organizzazzjoni interprofessjonali tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' rikonoxximent għal kull wieħed mis-setturi kkonċernati.

(56) Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasmissjoni aħjar tas-sinjali tas-suq u jissaħħu r-rabtiet bejn il-prezzijiet tal-produtturi u l-valur miżjud tul il-katina ta' provvista, jenħtieġ li l-bdiewa, inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' bdiewa, jkunu jistgħu jaqblu mal-ewwel xerrej tagħhom dwar il-klawżoli tal-kondiviżjoni tal-valuri, inklużi dawk dwar il-bonuses u t-telf tas-suq. Peress li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jkollhom rwol importanti biex ikun jista' jsir djalogu bejn l-atturi fil-katina tal-provvista, u fil-promozzjoni tal-aħjar prattiki u tat-trasparenza tas-suq, jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu klawżoli standard tal-kondiviżjoni tal-valuri. Madankollu, l-użu ta' klawżoli tal-kondiviżjoni tal-valuri min-naħa tal-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u l-ewwel xerrej tagħhom jenħtieġ li jibqa' volontarju.

(57) L-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 uriet li l-bżonn li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni ta' proċessi sempliċi u matematiċi marbutin mal-mod kif jiġu allokati l-kwoti jinvolvi piż ta' xogħol u ħafna riżorsi mingħajr ebda vantaġġ speċifiku marbut mat-tali approċċ. Fil-fatt il-Kummissjoni ma għandha ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-kuntest peress li l-formula relatata diġà hija stabbilita mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([1]). Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġi ssimplifikat il-proċess relatat, jenħtieġli jiġi previst li l-Kummissjoni tippubblika r-riżultati tal-allokazzjoni tal-kwoti tariffarji permezz ta' pubblikazzjoni adatta fuq il-web. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiddaħħal dispożizzjoni speċifika li tipprovdi li l-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu liċenzji biss wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-allokazzjoni mill-Kummissjoni.

(58) Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 mill-organizzazzjonijiet tal-bdiewa jew tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li tintalab l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet ta' bdiewa jew ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet tagħhom mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 39 tat-TFUE.

(59) Sabiex jiġi żgurat li jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv u f'waqtu d-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jippermettu ftehimiet u deċiżjonijiet kollettivi biex temporanjament jistabbilizzaw is-setturi kkonċernati fi żminijiet ta' żbilanċi serji fis-swieq, jenħtieġ li l-possibbiltajiet għal tali azzjonijiet kollettivi jiġu estiżi għall-bdiewa u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa. Barra minn hekk, jenħtieġu li tali miżuri temporanji ma jibqgħux jiġu awtorizzati bħala l-aħħar opzjoni iżda jistgħu jikkomplementaw l-azzjoni tal-Unjoni fil-kuntest tal-intervent pubbliku, il-ħżin privat u l-miżuri eċċezzjonali previsti mir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(60) Billi huwa xieraq li s-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib jibqa' jiġi megħjun fit-transizzjoni tiegħu bħala riżultat ta' tmiem is-sistema tal-kwoti u li jiġi nkoraġġit jirreaġixxi b'mod aktar effettiv għall-fluttwazzjonijiet fis-swieq u fil-prezzijiet, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jsaħħu l-arranġamenti kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ma jibqgħux ikollhom data ta' tmiem.

(61) Is-swieq agrikoli jenħtieġ li jkunu trasparenti u l-informazzjoni dwar il-prezzijiet jenħtieġ li tkun aċċessibbli u utli għal dawk kollha involuti.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

(62) L-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tat-Taqsima A tal-Parti II tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 uriet li l-bżonn li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni għall-approvazzjoni ta' żidiet ristretti fil-limiti tal-arrikkiment tal-inbid, li huma tekniċi u ta' natura nonkontroversjali, jinvolvi ħafna xogħol u riżorsi mingħajr ebda vantaġġ speċifiku marbut mat-tali approċċ. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat u jiġi ssimplifikat il-proċess jenħtieġ li jiġi previst li l-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu minn dik id-deroga għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

(63) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipprevedi l-possibbiltà li l-impenji baġitarji jinqasmu f'pagamenti annwali biss fil-każ ta' approvazzjoni ta' programmi nazzjonali pluriennali għall-qerda, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi, għal programmi ta' stħarriġ dwar il-presenza tal-pesti u għal programmi dwar il-kontroll tal-pesti fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Fl-interess tas-simplifikazzjoni u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, dik il-possibbiltà teħtieġ li tiġi estiża għall-azzjonijiet l-oħrajn previsti f'dak ir-Regolament.

(64) Sabiex ikun possibbli li l-emendi previsti f'dan ir-Regolament jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 2018, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(65) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 652/2014 jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (n) jinbidel b'dan li ġej:

"(n) 'bidwi żagħżugħ' tfisser persuna li jkollha anqas minn 40 sena fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, li jkollha ħiliet u kompetenzi tax-xogħol adegwati u li tkun qiegħda tistabbilixxi lilha nnifisha għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala l-kap ta' dik l-azjenda; l-istabbiliment jista' jsir b'mod individwali jew b'mod konġunt ma' bdiewa oħrajn, irrispettivament mill-forma ġuridika tiegħu;";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(s) 'data ta' stabbiliment' tfisser id-data li fiha l-applikant iwettaq jew ilesti azzjoni jew azzjonijiet relatati mal-istabbiliment imsemmi fil-punt (n).";

(2) fl-Artikolu 8(1), il-punt (h)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) tabella li, għal kull miżura, għal kull tip ta' operazzjoni b'rata ta' kontribuzzjoni speċifika tal-FAEŻR, għal kull tip ta' operazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(1) u fl-Artikolu 39a u għall-assistenza teknika, tistabbilixxi l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni ppjanata u r-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika b'mod separat ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għar-reġjuni anqas żviluppati u għal reġjuni oħra;";

(3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura għandhom ikunu l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni. L-infrastruttura installata b'riżultat ta' dimostrazzjoni tista' tintuża wara li titlesta l-operazzjoni. Fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-investiment relatati. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż għas-sussistenza tal-parteċipanti kif ukoll l-ispiża għas-sostituzzjoni tal-bdiewa għandhom ikunu eliġibbli wkoll għall-appoġġ. L-ispejjeż kollha identifikati taħt dan il-paragrafu għandhom jitħallsu lill-benefiċjarju.";

([1]) Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir- Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

(4) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-benefiċjarju tal-appoġġ previst skont il-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 għandu jkun jew il-fornitur tal-pariri jew tat-taħriġ jew l-Awtorità ta' Ġestjoni. Fejn l-Awtorità ta' Ġestjoni tkun il-benefiċjarju, il-fornitur tal-pariri jew tat-taħriġ għandu jintgħażel minn korp li jkun funzjonalment indipendenti mill-Awtorità ta' Ġestjoni. L-appoġġ taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jingħata lill-awtorità jew lill-korp magħżul biex jorganizza s-servizz tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, tas-sostituzzjoni tal-azjendi agrikoli, tal-konsultazzjoni dwar l-azjendi agrikoli jew tal-konsultazzjoni dwar il-forestrija.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet jew il-korpi magħżula biex jipprovdu pariri għandu jkollhom ir-riżorsi adatti fil-forma ta' persunal kwalifikat u mħarreġ regolarment, u esperjenza konsultattiva u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li dwarhom huma jagħtu pariri. Il-fornituri taħt din il-miżura għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa għal korpi kemm pubbliċi kif ukoll dawk privati. Dik il-proċedura tal-għażla għandha tkun oġġettiva u għandha teskludi kandidati b'kunflitti ta' interess.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-Artikolu 65(1), iwettqu l-kontrolli kollha fil-livell tal-fornitur tal-pariri jew tat-taħriġ.";

(5) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1, il-parti introduttorja tinbidel b' dan li ġej:

"1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri l-parteċipazzjoni ġdida, jew il-parteċipazzjoni minn bdiewa jew minn gruppi ta' bdiewa fil-ħames snin preċedenti, minn bdiewa u gruppi ta' bdiewa, jew il-parteċipazzjoni minn bdiewa, fi:";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. L-appoġġ taħt din il-miżura jista' jkopri wkoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' għoti ta' informazzjoni u promozzjoni implimentati minn gruppi ta' produtturi, fir-rigward ta' prodotti koperti minn iskema ta' kwalità li tirċievi appoġġ f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 70(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dawn l-attivitajiet jistgħu biss jiġu implimentati fis-suq intern.

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 għandu jingħata bħala pagament annwali ta' inċentiv, li l-livell tiegħu għandu jiġi determinat skont il-livell tal-ispejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi skemi appoġġati, għal durata massima ta' ħames snin.

Fil-każ tal-parteċipazzjoni inizjali qabel ma ssir l-applikazzjoni għal appoġġ taħt il-paragrafu 1, id-durata massima ta' ħames snin għandha titnaqqas bin-numru ta' snin li jkunu għaddew bejn il-parteċipazzjoni inizjali fi skema ta' kwalità u l-mument meta ssir l-applikazzjoni għall-appoġġ.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "spejjeż fissi" tfisser l-ispejjeż imġarrba għas-sħubija fi skema tal-kwalità appoġġata u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema, inkluża, fejn meħtieġ, in-nefqa għall-verifiki meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "bidwi" tfisser bidwi attiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.";

(6) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) jikkonċernaw l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-TFUE jew il-qoton, minbarra l-prodotti tas-sajd; ir-rendiment tal-proċess ta' produzzjoni jista' jkun prodott mhux kopert minn dak l-Anness; fejn l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, il-prodott inizjali jista' jkun ukoll prodott mhux kopert minn dak l-Anness I bil-kondizzjoni li l-investiment jikkontribwixxi għal waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;";

(b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Jista' jingħata appoġġ lil bdiewa żgħażagħ li jistabbilixxu azjenda agrikola għall-ewwel darba bħala kapijiet tal-azjenda fir-rigward ta' investimenti biex ikunu konformi mal-istandards tal-Unjoni li japplikaw għall-produzzjoni agrikola, inkluża s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Tali appoġġ jista' jingħata għal mhux aktar minn 24 xahar mid-data tal-istabbiliment kif imsemmi fil-programm ta' żvilupp rurali, jew sa meta jitlestew l-azzjonijiet definiti fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fl-Artikolu 19(4).";

(7) l-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-applikazzjoni għal appoġġ taħt il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data ta' stabbiliment.

L-appoġġ taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun jiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandha tibda sa mhux aktar tard minn disa' xhur mid-data tad-deċiżjoni ta' għoti tal-għajnuna. Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkollu durata massima ta' ħames snin.

Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jipprevedi li l-bidwi żagħżugħ jikkonforma mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, fi żmien 18-il xahar mid-data tad-deċiżjoni ta' għoti tal-għajnuna.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-azzjoni jew azzjonijiet imsemmija fil-punt (s) tal-Artikolu 2(1) fil-programmi ta' żvilupp rurali.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-limiti massimi u minimi għal kull benefiċjarju jew azjenda sabiex jagħtu aċċess għal appoġġ taħt il-punti (a)(i) u (a)(iii) tal-paragrafu 1. Il-limitu minimu għall-appoġġ taħt il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 għandu jkun ogħla mil-limitu massimu għall-appoġġ taħt il-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1. L-appoġġ għandu jkun limitat għal azjendi li jaqgħu fid-definizzjoni ta' impriżi mikro u żgħar.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-appoġġ taħt il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jingħata wkoll fil-forma ta' strumenti finanzjarji, jew bħala taħlita ta' għotjiet u strumenti finanzjarji.";

(c) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-appoġġ taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jitħallas f'tal-anqas żewġ pagamenti. Il-pagamenti jistgħu jkunu digressivi. Il-ħlas tal-aħħar pagament taħt il-punti (a)(i) u (a)(ii) tal-paragrafu 1 għandu jkun jiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.";

(8) fl-Artikolu 20, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw fejn l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.";

(9) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

**L-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovament ta' sistemi agroforestali**";

(b) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-appoġġ taħt il-punt (b) tal-Artikolu 21(1) għandu jingħata lill-ġesturi privati tal-art, lill-muniċipalitajiet u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment, tar-riġenerazzjoni u/jew tar-rinnovament u primjum annwali għal kull ettaru li jkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni, għal perijodu massimu ta' ħames snin.";

(10) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta jikkalkulaw il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont meħtieġ sabiex jeskludu l-finanzjament doppju tal-prattiki msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. L-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw it-tnaqqis bħala ammont fiss medju applikat lill-benefiċjarji kollha kkonċernati li jwettqu t-tip ta' operazzjoni kkonċernat.";

(b) il-paragrafu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"9. L-appoġġ jista' jingħata għall-konservazzjoni u għall-użu u żvilupp sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, inklużi riżorsi mhux indiġeni, għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 sa 8. Tali impenji jistgħu jitwettqu minn benefiċjarji li mhumiex dawk imsemmijin fil-paragrafu 2.";

(11) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata, għal kull ettaru ta' żona agrikola, lil bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jbiddlu jew iżommu prattiki u metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u li huma bdiewa attivi skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta jikkalkulaw il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont meħtieġ sabiex jeskludu l-finanzjament doppju tal-prattiki msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. L-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw it-tnaqqis bħala ammont fiss medju applikat lill-benefiċjarji kollha kkonċernati li jwettqu s-sottomiżuri kkonċernati.";

(12) fl-Artikolu 30(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta jikkalkulaw il-pagamenti relatati mal-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont meħtieġ sabiex jeskludu l-finanzjament doppju tal-prattiki msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. L-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw it-tnaqqis bħala ammont fiss medju applikat għall-benefiċjarji kollha kkonċernati li jwettqu s-submiżuri kkonċernati.";

(13) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-attività agrikola tagħhom fiż-żoni indikati skont l-Artikolu 32 u huma bdiewa attivi fit-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.";

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Minbarra l-pagamenti previsti fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti taħt din il-miżura bejn l-2014 u l-2020 lil benefiċjarji f'żoni li kienu eliġibbli taħt l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Għal benefiċjarji f'żoni li m'għadhomx eliġibbli b'segwitu għad-delimitazzjoni ġdida msemmija fl-Artikolu 32(3), dawk il-pagamenti għandhom ikunu digressivi matul perijodu ta' mhux aktar minn erba' snin. Dak il-perijodu għandu jibda fid-data li fiha tintemm id-delimitazzjoni skont l-Artikolu 32(3) u mhux aktar tard mill-2019. Dawk il-pagamenti għandhom jibdew b'mhux aktar minn 80 % tal-pagament medju stabbilit fil-programm għall-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013 f'konformità mal-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, u għandhom jintemmu mhux aktar tard mill-2020 b'mhux aktar minn 20 %. Meta l-applikazzjoni tar-riżultati ta' digressività fil-livell tal-pagament jilħaq EUR 25, l-Istat Membru jista' jkompli bil-pagamenti f'dan il-livell sa meta jintemm il-perijodu ta' tneħħija gradwali.";

(14) fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali taħt din il-miżura għandhom jingħataw lil bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'wieħed jew aktar impenji għat-trattament xieraq tal-annimali u li huma bdiewa attivi fit-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.";

(15) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul, fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, li tipprovdi kumpens lill-bdiewa tas-setturi kollha għal meta jkun hemm tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.";

(ii) jiżdied il-punt li ġej:

"(d) għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur, fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, li tipprovdi kumpens lill-bdiewa ta' settur speċifiku għal meta jkun hemm tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "bidwi" tfisser bidwi attiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, kif applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat.";

(c) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet tal-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1, 'fond mutwu' tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu biex il-bdiewa affiljati jassiguraw lilhom infushom, li permezz tagħha jsiru pagamenti ta' kumpens lil bdiewa affiljati għal telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti klimatiċi negattivi jew mit-tfaqqigħ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni minn organiżmi ta' ħsara jew inċident ambjentali, jew telf ikkawżat minn annimali selvaġġi, jew għal tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.";

(d) fil-paragrafu 5, jitħassar it-tieni subparagrafu.

(16) fl-Artikolu 37(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-appoġġ taħt il-punt (a) tal-Artikolu 36(1) għandu jingħata biss għal kuntratti tal-assigurazzjoni li jkopru t-telf ikkawżat minn avveniment klimatiku negattiv, jew minn mard tal-annimali jew tal-pjanti, jew infestazzjoni minn organiżmi ta' ħsara, jew inċident ambjentali jew miżura adottata skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard tal-pjanti jew organiżmu ta' ħsara li jeqirdu iżjed minn 20 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perijodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perijodu preċedenti ta' ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa. L-indiċijiet jistgħu jintużaw sabiex tiġi kkalkulata l-produzzjoni annwali tal-bidwi. Il-metodu tal-kalkolu użat għandu jippermetti li jiġi ddeterminat it-telf reali ta' bidwi individwali f'sena partikolari.";

(17) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 36(1) jistgħu jkunu marbuta biss ma':

(a) l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment tal-fond mutwu, mifruxa fuq massimu ta' tliet snin b'mod digressiv;

(b) l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi;

(c) is-supplimentar tal-pagamenti annwali fil-fond;

(d) l-istokk kapitali inizjali tal-fond mutwu."

(ii) it-tielet subparagrafu jitħassar;

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rata massima ta' appoġġ stabbilita fl-Anness II. L-appoġġ taħt il-punt (b) tal-paragrafu 3 għandu jikkunsidra kwalunkwe appoġġ mogħti diġà taħt il-punti (c) u (d) tal-paragrafu 3.";

(18) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) L-intestatura tinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 39*

**Għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul għall-bdiewa tas-setturi kollha**"

(b) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-appoġġ taħt il-punt (c) tal-Artikolu 36(1) għandu jingħata biss fejn it-tnaqqis fid-dħul jeċċedi 30 % tad-dħul annwali medju tal-bidwi individwali fil-perijodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perijodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa. Id-dħul għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 36(1) għandu jirreferi għas-somma tad-dħul li l-bidwi jirċievi mis-suq, inkluż kwalunkwe forma ta' appoġġ pubbliku, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-pagamenti mill-fond mutwu lill-bdiewa għandhom jikkumpensaw għal anqas minn 70 % tad-dħul mitluf fis-sena li fiha l-produttur isir eliġibbli li jirċievi din l-assistenza. L-indiċijiet jistgħu jintużaw sabiex jiġi kkalkulat it-telf annwali ta' introjtu tal-bidwi.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) jistgħu jkunu marbuta biss ma':

(a) l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment tal-fond mutwu, mifruxa fuq massimu ta' tliet snin b'mod digressiv;

(b) l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi;

(c) is-supplimentar tal-pagamenti annwali fil-fond;

(d) l-istokk kapitali inizjali tal-fond mutwu.

5. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rata massima stabbilita stabbiliti fl-Anness II. L-appoġġ taħt il-punt (b) tal-paragrafu 4 għandu jikkunsidra kwalunkwe appoġġ mogħti diġà taħt il-punti (c) u (d) tal-paragrafu 4.";

(19) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 39a*

**Għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul għall-bdiewa ta' settur speċifiku**

1. L-appoġġ taħt il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) għandu jingħata biss f'każijiet debitament ġustifikati u fejn it-tnaqqis fid-dħul jaqbeż limitu ta' mill-inqas 20 % tad-dħul annwali medju tal-bidwi individwali fil-perijodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perijodu preċedenti ta' ħames snin esklużi l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa. L-indiċijiet jistgħu jintużaw sabiex jiġi kkalkulat it-telf annwali mid-dħul tal-bidwi. Id-dħul għall-finijiet tal-punt (d) tal-Artikolu 36(1) għandu jirreferi għas-somma tad-dħul li l-bidwi jirċievi mis-suq, inkluż kwalunkwe forma ta' appoġġ pubbliku, wara li jitnaqqsu l-kostijiet tal-input. Il-pagamenti mill-fond mutwu lill-bdiewa għandhom jikkumpensaw għal anqas minn 70 % tad-dħul mitluf fis-sena li fiha l-produttur isir eliġibbli li jirċievi din l-assistenza.

2. L-Artikolu 39 (2) sa (5) għandu japplika għall-fini ta' appoġġ taħt il-punt (d) tal-Artikolu 36(1).";

(20) l-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Fejn l-appoġġ jiġi pprovdut permezz ta' strument finanzjarju stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-kapital operatorju jista' jikkostitwixxi nefqa eliġibbli. Tali nefqa eliġibbli ma għandhiex taqbeż EUR 200 000 jew 30 % tal-ammont totali tan-nefqa eliġibbli għall-investiment, skont liema minnhom tkun l-ogħla.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“7. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw fejn l-appoġġ ikun ipprovdut fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;

(21) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati fejn ma jkunx possibbli li jiġu stabbiliti kriterji tal-għażla minħabba n-natura tat-tip ta' operazzjonijiet ikkonċernati, l-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tiddefinixxi metodu ieħor ta' għażla li jrid jiġi deskritt fil-programm ta' żvilupp rurali wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Monitoraġġ.”;

(b) il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

“2. L-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet għandha tiżgura li l-operazzjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-operazzjonijiet taħt il-punt (b) tal-Artikolu 18(1), il-punt (d) tal-Artikolu 24(1), u l-Artikoli 28 sa 31, 33 sa 34 u 36 sa 39a, jintgħażlu skont il-kriterji tal-għażla msemmija fil-paragrafu 1 u skont proċedura trasparenti u dokumentata sew.

3. Il-benefiċjarji jistgħu jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħiet għal proposti, billi jiġu applikati kriterji ta' effiċjenza ekonomika, soċjali u ambjentali.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;

(22) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

“(f) 100 % għal ammont ta' EUR 100 miljun, fi prezzijiet tal-2011, allokati lill-Irlanda, għal ammont ta' EUR 500 miljun, fi prezzijiet tal-2011, allokati lill-Portugall u għal ammont ta' EUR 7 miljun, fi prezzijiet tal-2011, allokati lil Ċipru;”;

(b) jiżdied il-punt li ġej:

“(h) ir-rata ta' kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 39a(13) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għall-istrument finanzjarju msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 38(1) ta' dak ir-Regolament.”;

(23) l-Artikolu 60 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 65(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, f'każijiet ta' miżuri ta' emerġenza dovuti għal diżastri naturali, għal avvenimenti katastrofiċi jew għal avvenimenti klimatiċi avversi jew għal bidla sinifikanti u f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprevedu li l-eliġibbiltà tan-nefqa relatata mal-bidliet fil-programm tista' tibda mid-data meta jkun seħħ l-avveniment.”;

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Bl-eċċezzjoni ta' kostijiet ġenerali kif iddefiniti fil-punt (c) fl-Artikolu 45(2), fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' investiment taħt miżuri li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE, hija biss in-nefqa mġarrba wara li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li għandha titqies eliġibbli. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-programm tagħhom li n-nefqa li tkun relatata ma' miżuri ta' emerġenza dovuti għal diżastri naturali, għal avvenimenti katastrofiċi jew għal avvenimenti klimatiċi avversi jew għal bidla f'daqqa fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istat Membru jew tar-reġjun, u li ġġarrbet mill-benefiċjarju wara li jkun seħħ l-avveniment, hija eliġibbli wkoll.”;

(c) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“4. Il-pagamenti minn benefiċjarji għandhom ikunu appoġġati minn fatturi u dokumenti li jagħtu prova tal-pagament. Fejn dan ma jkunx jista' jsir, il-pagamenti għandhom jiġu appoġġati b'dokumenti ta' valur probatorju ekwivalenti, minbarra għall-forom ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ħlief taħt il-punt (a) tiegħu.”;

(24) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn l-għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' kostijiet standard jew kostijiet addizzjonali u ta' dħul mitluf skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(1), fir-rigward tad-dħul mitluf u l-ispejjeż ta' manutenzjoni, u l-Artikoli 28 sa 31, 33 u 34, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti huma adegwati u preċiżi u stabbiliti minn qabel fuq il-bażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli. Għal dan il-għan, korp li jkun funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi u li jkollu l-kompetenza xierqa għandu jagħmel il-kalkoli jew jikkonferma l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-kalkoli. Fil-programm ta' żvilupp rurali għandha tiġi inkluża dikjarazzjoni li tikkonferma l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-kalkoli.";

(25) fl-Artikolu 66(1), il-punt (b) huwa mħassar;

(26) fl-Artikolu 74, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) jiġi kkonsultat u għandu joħroġ opinjoni, qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa rilevanti għal proposti, dwar il-kriterji tal-għażla għal operazzjonijiet iffinanzjati, li għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġijiet ta' programmazzjoni;";

(27) l-Anness II huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 2;

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li fir-rigward tagħha tapplika r-rata ta' aġġustament, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rata ta' aġġustament. Tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 116(2).

4. Sal-1 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li fir-rigward tagħha tapplika r-rata ta' aġġustament, il-Kummissjoni tista', fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jadattaw ir-rata ta' aġġustament stabbilita skont il-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 116(2).";

(2) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fil-każ ta' kwalunkwe proċediment legali jew ta' appell amministrattiv li jkollu effett ta' sospensjoni, il-perijodu għal diżimpenn awtomatiku msemmi fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2 għandu jiġi interrott, fir-rigward tal-ammont relatat mal-operazzjonijiet ikkonċernati, għad-durata ta' dak il-proċediment jew ta' dak l-appell amministrattiv, bil-kondizzjoni li l-Kummissjoni tirċievi notifikazzjoni motivata mill-Istat Membru sal-31 ta' Jannar tas-sena N + 4.";

(3) fl-Artikolu 43(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) somom li taħt l-Artikolu 40, 52 u 54 u, fir-rigward ta' nfiq taħt il-FAEG, taħt l-Artikolu 41(2) u l-Artikolu 51 iridu jitħallsu lill-baġit tal-Unjoni, inklużi l-imgħaxijiet fuqhom;";

(4) fl-Artikolu 54(3), il-punt (a)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) l-ammont li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju fil-kuntest ta' pagament individwali għal skema ta' għajnuna jew miżura ta' appoġġ, mingħajr l-imgħax, ikun bejn EUR 100 u EUR 250 u l-Istat Membru konċernat japplika limitu daqs l-ammont li għandu jiġi rkuprat, jew ogħla minnu, taħt il-liġi nazzjonali tiegħu biex ma jiġux imfittxija djun nazzjonali.";

(5) fl-Artikolu 63(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fejn in-nonkonformità tikkonċerna regoli nazzjonali jew tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, il-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-gravità tan-nonkonformità u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjoni għandha tkun affettwata biss sal-livell tal-parti tal-għajnuna li ma għandhiex titħallas jew li għandha tiġi rtirata.";

(6) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li:

(a) irqajja' tar-raba' b'erja ta' mhux aktar minn 0,1 ettaru li għalihom ma tkunx saret applikazzjoni għal pagament ma jeħtieġx li jiġu ddikjarati, sakemm is-somma ta' tali ħbula ma taqbiżx ettaru, u/jew jistgħu jiddeċiedu li bidwi li ma japplika għal ebda pagament ibbażat fuq l-erja ma jkollux għalfejn jiddikjara l-ħbula tar-raba' tiegħu fil-każ fejn l-erja totali ma' taqbiżx ettaru. Fil-każijiet kollha, il-bidwi għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu li huwa jkollu ħbula tar-raba' għad-dispożizzjoni tiegħu u għandu jindika, meta jintalab mill-awtoritajiet kompetenti, il-post fejn jinsabu;

(b) bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema tal-bdiewa ż-żgħar kif imsemmi fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ma għandhomx għalfejn jiddikjaraw il-ħbula tar-raba' tagħhom li għalihom ma tkunx saret applikazzjoni għal pagament, sakemm tali dikjarazzjoni ma tkunx meħtieġa għall-iskop ta' għajnuna jew appoġġ oħra.";

(7) it-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 75(1) jinbidlu b'dan li ġej:

"Minkejja l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu:

(a) qabel l-1 ta' Diċembru iżda mhux qabel is-16 ta' Ottubru, iħallsu bil-quddiem sa 50 % fir-rigward ta' pagamenti diretti;

(b) qabel l-1 ta' Diċembru, iħallsu bil-quddiem sa 75 % għall-appoġġ mogħti fl-ambitu tal-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 67(2).

Fir-rigward ta' appoġġ mogħti fl-ambitu tal-iżvilupp rurali, kif imsemmi fl-Artikolu 67(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal għajnuna jew talbiet għal pagament imressqa mis-sena tat-talba 2019 'il quddiem.".

*Artikolu 3*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (h) jinbidel b'dan li ġej:

"(h) "bur permanenti u mergħat permanenti" (flimkien imsemmija "bur permanenti") tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar, kif ukoll, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet għal ħames snin jew aktar; tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxelli u/jew siġar tajbin għar-ragħa u, fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxelli u/jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, dment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkunsidraw bħala bur permanenti:

(i) art li tista' tintuża għar-ragħa u li tifforma parti minn prattiki lokali stabbiliti fejn ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor huma tradizzjonalment mhux predominanti fiż-żoni tar-ragħa; u/jew

(ii) art li tista' tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex predominanti jew huma assenti f'żoni tar-ragħa;";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Minkejja l-punti (f) u (h) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri li, qabel l-1 ta' Jannar 2018, aċċettaw irqajja' ta' art li titħalla tistrieħ bħala raba' jistgħu ikomplu jaċċettawhom bħala tali wara dik id-data. Mill-1 ta' Jannar 2018 irqajja' ta' art li titħalla tistrieħ li ġew aċċettati bħala raba' taħt dan is-subparagrafu fl-2018 għandhom isiru bur permanenti fl-2023, jew wara, jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (h) jiġu sodisfatti.";

(b) fil-paragrafu 2, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li:

(a) art li ma tkunx inħartet għal ħames snin jew iktar għandha tiġi kkunsidrata bħala bur permanenti kif imsemmi fil-punt (h) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dment li l-art tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-impriża għal ħames snin jew aktar;

(b) bur permanenti jista' jinkludi speċijiet oħra, bħal arbuxelli u/jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, f'żoni fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor huma predominanti; u/jew

(c) art li tista' tintuża għar-ragħa fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor mhumiex predominanti jew huma assenti f'żoni tar-ragħa għandha tiġi kkunsidrata bħala bur permanenti kif imsemmi fil-punt (h) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li japplikaw id-deċiżjoni tagħhom skont il-punti (b) u/jew (c) tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għat-territorju kollu tagħhom jew għal parti mit-territorju tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2018 bi kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed skont it-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 6(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fejn Stat Membru juża l-għażla prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(4), il-limitu massimu nazzjonali stabbilit fl-Anness II għal dak l-Istat Membru għas-sena rispettiva jista' jinqabeż bl-ammont ikkalkolat skont dak is-subparagrafu.";

(3) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. Barra mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ebda pagament dirett ma għandu jingħata lil bdiewa li mhumiex irreġistrati, għall-attivitajiet agrikoli tagħhom, f'reġistru fiskali jew tas-sigurtà soċjali nazzjonali.";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-paragrafi 2, 3 u 3a ma għandhomx japplikaw għal bdiewa li rċevew biss pagamenti diretti li ma jaqbżux ċertu ammont għas-sena ta' qabel. Tali ammont għandu jiġi deċiż mill-Istati Membri abbażi ta' kriterji oġġettivi għall-karatteristiċi nazzjonali jew reġjonali tagħhom, u ma għandux ikun aktar minn EUR 5 000.";

(c) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2014 dwar kwalunkwe deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 jew 4, u sal-31 ta' Marzu 2018 dwar kwalunkwe deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3a. Fil-każ ta' emendi għal tali deċiżjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tittieħed kwalunkwe deċiżjoni ta' emendar.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"7. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu mill-2018, jew minn kwalunkwe sena sussegwenti, li mit-tliet kriterji elenkati fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, wieħed jew tnejn biss jistgħu jiġu invokati minn persuni jew minn gruppi ta' persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel u tat-tieni subparagrafi tal-paragrafu 2 sabiex juru li huma bdiewa attivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali deċiżjoni, jekk tiġi applikata mill-2018, sal-31 ta' Marzu 2018 jew, jekk tiġi applikata minn sena sussegwenti, sal-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel l-applikazzjoni tagħha.

8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieqfu japplikaw il-paragrafu 2 mill-2018 jew kwalunkwe sena sussegwenti. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali deċiżjoni, jekk tiġi applikata mill-2018, sal-31 ta' Marzu 2018 jew, jekk tiġi applikata minn sena sussegwenti, sal-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel l-applikazzjoni tagħha.";

(4) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar tnaqqis fil-pagamenti skont dan l-Artikolu fuq bażi annwali, dment li tali rieżami ma jwassalx għal tnaqqis fl-ammonti disponibbli għall-iżvilupp rurali.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu u bi kwalunkwe prodott stmat tat-tnaqqis għas-snin sal-2019 sal-1 ta' Awwissu tas-sena qabel l-applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet, bl-aħħar data possibbli għal tali notifika tkun l-1 ta' Awwissu 2018.";

(5) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu b'effett mis-sena kalendarja 2019 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bbażata fuq tali rieżami sal-1 ta' Awwissu 2018. Kwalunkwe deċiżjoni bbażata fuq tali rieżami ma għandhiex tirriżulta fi tnaqqis fil-perċentwal innotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi.";

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu b'effett mis-sena kalendarja 2019 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bbażata fuq tali rieżami sal-1 ta' Awwissu 2018. Kwalunkwe deċiżjoni bbażata fuq tali rieżami ma għandhiex tirriżulta f'żieda fil-perċentwal innotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi.";

(6) fl-Artikolu 31(1), il-punt (g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) fejn l-Istati Membri jqisu li jkun meħtieġ, tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet ta' pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku fil-livell nazzjonali jew reġjonali biex ikopru l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 30(6) ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Istati Membri li diġà jagħmlu użu minn dak it-tnaqqis lineari jistgħu fl-istess sena japplikaw ukoll tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet ta' pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku fil-livell nazzjonali jew reġjonali biex ikopru l-każijiet imsemmija fil-punti (a) and (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(7) ta' dan ir-Regolament;";

(7) fl-Artikolu 36(4), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għal kull Stat Membru, l-ammont ikkalkolat skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jista' jiżdied b'massimu ta' 3 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali rilevanti kif stabbilit fl-Anness II wara t-tnaqqis tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 47(1) għas-sena rilevanti. Meta Stat Membru japplika tali żieda, dik iż-żieda għandha titqies mill-Kummissjoni meta tistabbilixxi l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament ta' żona waħda skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2018 bil-perċentwali annwali li bihom għandu jiżdied l-ammont ikkalkolat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu kull sena kalendarja mill-2018.

L-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu fuq bażi annwali u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni ibbażata fuq tali rieżami sal-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel l-applikazzjoni tagħha.";

(8) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-għadd ta' wċuħ tar-raba' rikjesti skont il-paragrafu 1, il-limiti massimi stabbiliti fihom m'għandhomx japplikaw għall-impriżi fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew l-art li titħalla tistrieħ jew li tkun ikkultivata b'uċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti mis-sena jew għal parti sinifikanti miċ-ċiklu ta' kultivazzjoni tkopri aktar minn 75 % tar-raba'. F'dawn il-każijiet, il-wiċċ tar-raba' ewlieni fuq il-kumplament tar-raba' m'għandux ikopri aktar minn 75 % ta' dik ir-raba' li fadal minbarra fejn din iż-żona li fadal tkun koperta minn ħaxix jew foraġġ erbaċew jew art li titħalla tistrieħ.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) fejn aktar minn 75 % tar-raba' tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix u foraġġ erbaċew, tintuża għall-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' legumi, tkun art li titħalla tistrieħ, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet;

(b) fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola eliġibbli tkun bur permanenti, tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew għall-kultivazzjoni ta' wċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu ta' kultivazzjoni, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet;";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Uċuħ tar-raba' tax-xitwa u l-uċuħ tar-raba' tar-rebbiegħa għandhom jitqiesu bħala uċuħ tar-raba' distinti anke jekk ikunu jagħmlu parti mill-istess ġeneru. It-Triticum spelta għandha tiġi kkunsidrata bħala wiċċ distint mill-uċuħ tar-raba' li jagħmlu parti mill-istess ġeneru.";

(9) l-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn ir-raba' li tinħarat ta' impriża tkopri aktar minn 15-il ettaru, il-bdiewa għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar 2015, erja li tikkorrispondi għal mill-inqas 5 % tar-raba' li tinħarat tal-impriża li l-bidwi ddikjara f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u, jekk jitqiesu li huma erja b'fokus ekoloġiku mill-Istat Membru skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inklużi l-erjas imsemmijin fil-punti (c), (d), (g), (h), (k) u (l) ta' dak il-paragrafu hija erja b'fokus ekoloġiku.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(k) żoni bil-Miscanthus;

(l) żoni bis-Silphium perfoliatum;

(m) art li titħalla tistrieħ għall-pjanti li jintużaw fil-produzzjoni tal-għasel (l-ispeċijiet li jipproduċu ħafna għabra tad-dakra u nektar).";

(ii) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Għajr iż-żoni tal-impriża msemmijin fil-punti (g), (h), (k) u (l) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, iż-żona b' fokus ekoloġiku għandha tkun tinsab fuq ir-raba' tal-impriża. Fil-każ ta' żoni msemmijin fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, iż-żona b'fokus ekoloġiku tista' wkoll tkun tmiss mar-raba' tal-impriża li l-bidwi ddikjara f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.";

(c) fil-paragrafu 4, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) fejn aktar minn 75 % tar-raba' tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, tkun art li titħalla tistrieħ, tiġi użata għall-kultivazzjoni ta' wċuħ tar-raba' legumi, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet;

(b) fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola eliġibbli tkun bur permanenti, tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew għall-kultivazzjoni ta' wċuħ tar-raba' taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu ta' kultivazzjoni, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet.";

(10) l-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-pagament għall-bdiewa żgħażagħ għandu jingħata għal kull bidwi għal perijodu ta' ħames snin, li jibda mill-ewwel preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ sakemm dik il-preżentazzjoni sseħħ fi żmien il-ħames snin wara l-istabbiliment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2. Dak il-perijodu ta' ħames snin għandu japplika wkoll għall-bdiewa li jkunu rċevew il-pagament għall-bdiewa żgħażagħ fir-rigward ta' talbiet qabel is-sena tat-talba tal-2018.

Permezz ta' deroga mit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal dawk il-bdiewa żgħażagħ li stabbilixxew f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 2 matul il-perijodu 2010-2013, il-perijodu ta' ħames snin għandu jitnaqqas bin-numru ta' snin li jkunu għaddew bejn l-istabbiliment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 u l-ewwel preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ.";

(b) fil-paragrafu 6, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) bejn 25 % u 50 % tal-valur medju tad-drittijiet għal pagament bi sjieda jew b'kirja li għandu l-bidwi; jew

(b) bejn 25 % u 50 % ta' ammont ikkalkulat billi perċentwal fiss tal-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2019, stabbilit fl-Anness II, jiġi diviż bin-numru tal-ettari eliġibbli kollha ddikjarati fl-2015 f'konformità mal-Artikolu 33(1). Dak il-perċentwal fiss għandu jkun ugwali għas-sehem tal-limitu massimu nazzjonali li għad fadal għall-iskema ta' pagament bażiku f'konformità mal-Artikolu 22(1) għall-2015";

(c) il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 36 għandhom kull sena jikkalkulaw l-ammont tal-pagament għall-bdiewa żgħażagħ billi jimmultiplikaw ċifra li tikkorrispondi għal valur bejn 25 % u 50 % tal-pagament uniku skont iż-żona kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 36 bin-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jkun iddikjara f'konformità mal-Artikolu 36(2).";

(d) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"8. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw kull sena l-ammont tal-pagament għall-bdiewa żgħażagħ billi jimmultiplikaw ċifra li tikkorrispondi għal valur bejn 25 % u 50 % tal-pagament medju nazzjonali għal kull ettaru bin-numru ta' drittijiet li l-bidwi jkun attiva f'konformità mal-Artikolu 32(1), jew bin-numru ta' ettari eliġibbli li l-bidwi jkun iddikjara f'konformità mal-Artikolu 36(2).";

(e) fil-paragrafu 10, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"10. Minflok japplikaw il-paragrafi 6 sa 9, l-Istati Membri jistgħu jallokaw ammont f'daqqa annwali għal kull bidwi kkalkulat billi n-numru fiss ta' ettari jiġi mmultiplikat b'ċifra li tikkorrispondi għal valur bejn 25 % u 50 % tal-pagament medju annwali għal kull ettaru, kif stabbilit f'konformità mal-paragrafu 8.";

(11) l-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 5;

(b) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-appoġġ akkoppjat huwa skema li tillimita l-produzzjoni li għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali ibbażat fuq żoni u rendimenti fissi jew fuq numru fiss ta' annimali u għandu jirrispetta l-limiti massimi finanzjarji li għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri għal kull miżura u nnotifikati lill-Kummissjoni.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 70 li jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' miżuri sabiex jiġi evitat li l-benefiċjarji ta' appoġġ akkoppjat volontarju jsofru minn żbilanċi strutturali tas-suq f'settur. Dawk l-atti delegati jistgħu jippermettu lill-Istati Membru jiddeċiedu li tali appoġġ jista' jkompli jitħallas sal-2020 fuq il-bażi tal-unitajiet tal-produzzjoni li għalihom ingħata appoġġ akkoppjat volontarju f'perijodu ta' referenza fl-imgħoddi.";

(12) fl-Artikolu 53, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri jistgħu, sal-1 ta' Awwissu ta' kwalunkwe sena partikolari, jirrieżaminaw id-deċiżjoni tagħhom skont dan il-Kapitolu u, b'effett mis-sena sussegwenti, jiddeċiedu:

(a) li jżommu kif inhu, iżidu jew inaqqsu l-perċentwal stabbilit skont il-paragrafi 1, 2 u 3, fil-limiti stabbiliti hemmhekk fejn japplika, jew biex iżommu kif inhu jew inaqqsu l-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 4;

(b) li jimmodifikaw il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ akkoppjat;

(c) li jieqfu jagħtu l-appoġġ taħt dan il-Kapitolu.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tali deċiżjoni sad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu.";

(13) l-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 20(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 39(3), l-Artikolu 43(12), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(5) u (6), l-Artikolu 46(9), l-Artikolu 50(11), l-Artikolu 52(9) u (10), l-Artikolu 57(3), l-Artikolu 58(5), l-Artikolu 59(3), l-Artikolu 64(5), l-Artikolu 67(1) u (2) u l-Artikolu 73 tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.";

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 20(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 39(3), l-Artikolu 43(12), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(5) u (6), l-Artikolu 46(9), l-Artikolu 50(11), l-Artikolu 52(9) u (10), l-Artikolu 57(3), l-Artikolu 58(5), l-Artikolu 59(3), l-Artikolu 64(5), l-Artikolu 67(1) u (2) u l-Artikolu 73 tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.";

(c) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 20(6), l-Artikolu 35, l-Artikolu 36(6), l-Artikolu 39(3), l-Artikolu 43(12), l-Artikolu 44(5), l-Artikolu 45(5) u (6), l-Artikolu 46(9), l-Artikolu 50(11), l-Artikolu 52(9) u (10), l-Artikolu 57(3), l-Artikolu 58(5), l-Artikolu 59(3), l-Artikolu 64(5), l-Artikolu 67(1) u (2) u l-Artikolu 73 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(14) l-Anness X huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) il-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-ikkowċjar lil organizzazzjonijiet ta' produtturi oħrajn, lil assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, lil gruppi tal-produtturi jew lil produtturi individwali;";

(b) l-ewwel subparagarfau tal-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c) u (d) jinbidlu b'dan li ġej:

"(c) il-promozzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet immirati lejn id-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni fis-swieq tal-frott u l-ħaxix, kemm jekk għall-prevenzjoni kif ukoll jekk matul perijodu ta' kriżi;

(d) l-appoġġ għall-ispejjeż amministrattivi biex jiġu stabbiliti fondi mutwi u għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jerġgħu jimtlew fondi mutwi, wara l-kumpens imħallas lil membri produtturi li jkollhom tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom bħala riżultat ta' kundizzjonijiet tas-suq diffiċli;";

(ii) jiżdied il-punt li ġej:

"(i) l-ikkowċjar lil organizzazzjonijiet ta' produtturi oħrajn, lil assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, lil gruppi tal-produtturi jew lil produtturi individwali.";

(c) it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 5 jinbidlu b'dan li ġej:

"L-azzjonijiet ambjentali għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-impenji agroambjentali-klimatiċi jew tal-biedja organika stabbiliti fl-Artikolu 28(3) u fl-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Fejn tal-anqas 80 % tal-membri produtturi ta' organizzazzjoni ta' produtturi jkunu soġġetti għal impenn, wieħed jew aktar, agroambjentali-klimatiku jew tal-biedja organika identiku previsti fl-Artikolu 28(3) u fl-Artikolu 29(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, kull wieħed minn dawk l-impenji għandu jgħodd bħala azzjoni ambjentali kif imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 34, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 100 % fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-irtirar mis-suq ta' frott u ta' ħxejjex li ma jaqbżux il-5 % tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' kull organizzazzjoni ta' produtturi u li jitneħħew billi:

(i) jitqassmu b'xejn lil organizzazzjonijiet u lil fondazzjonijiet tal-karità li huma approvati f'dan is-sens mill-Istati Membri, għall-użu fl-attivitajiet tagħhom biex jgħinu lil persuni li d-dritt tagħhom għall-għajnuna pubblika huwa rikonoxxut mil-liġi nazzjonali, b'mod partikolari minħabba li ma għandhomx il-mezzi ta' sussistenza meħtieġa;

(ii) jitqassmu b'xejn lil istituzzjonijiet penali, lil skejjel u lil istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, lil stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 22 u lil kampijiet ta' btala tat-tfal kif ukoll lil sptarijiet u lil djar tal-anzjani nnominati mill-Istati Membri, li għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kwantitajiet imqassmin b'dan il-mod ikunu addizzjonali għall-kwantitajiet li normalment jinxtraw mit-tali stabbilimenti;

(b) azzjonijiet relatati mal-ikkowċjar lil organizzazzjonijiet ta' produtturi oħrajn, jew lil gruppi ta' produtturi rikonoxxuti skont l-Artikolu 125e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, dment li dawk l-organizzazzjonijiet jew gruppi ikunu minn reġjuni ta' Stati Membri msemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dan ir-Regolament jew ta' produtturi individwali.";

(3) l-Artikolu 35 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 35*

**Assistenza finanzjarja nazzjonali**

1. F'reġjuni ta' Stati Membri fejn il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex ikun taħt il-medja tal-Unjoni b'mod sinifikanti, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lil organizzazzjonijiet ta' produtturi assistenza finanzjarja nazzjonali li ma taqbiżx it-80 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) u sa mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' kwalunkwe tali organizzazzjoni tal-produtturi. Dik l-assistenza għandha tkun addizzjonali għall-fond operazzjonali.

2. Il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi f'reġjun ta' Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat bħala taħt il-medja tal-Unjoni b'mod sinifikanti fejn il-livell medju ta' organizzazzjoni kien inqas minn 20 % għal tliet snin konsekuttivi qabel l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali. Il-livell ta' organizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala l-valur tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li nkiseb fir-reġjun ikkonċernat u mqiegħed fis-suq minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi u gruppi tal-produtturi rikonoxxuti skont l-Artikolu 125e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, diviż bil-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex li nkiseb f'dak ir-reġjun.

3. L-Istati Membri li jagħtu assistenza finanzjarja nazzjonali skont il-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-reġjuni li jissodisfaw il-kriterji msemmijin fil-paragrafu 2 u dwar l-assistenza finanzjarja nazzjonali mogħtija lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'dawk ir-reġjuni.";

(4) fl-Artikolu 37, il-punt (d)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) il-kondizzjonijiet relatati mal-punti (a), (b), (c) u (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 33(3);";

(5) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 38, il-punt (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) il-miżuri ta' promozzjoni, komunikazzjoni, taħriġ u kkowċjar f'każijiet ta' prevenzjoni u mmaniġġar ta' kriżijiet;";

(6) fl-Artikolu 62, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw dan il-Kapitolu għaż-żoni li jipproduċu l-inbid adattat għall-produzzjoni ta' spirti tal-inbid b'indikazzjoni ġeografika kif ikun irreġistrat skont l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, dawk iż-żoni jistgħu jiġu ttrattati bħala żoni fejn jistgħu jiġu prodotti nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew b'indikazzjoni ġeografika protetta.

(*) Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).";

(7) l-Artikolu 64 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ca) l-applikant ma jkollux dwieli mħawlin mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament jew mingħajr dritt ta' tħawwil kif imsemmi fl-Artikoli 85a u 85b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;";

(b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"2. Jekk iż-żona totali koperta mill-applikazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 1 f'sena partikolari teċċedi ż-żona magħmula disponibbli mill-Istat Membru, għandhom jingħataw awtorizzazzjonijiet skont distribuzzjoni pro-rata ta' ettari lill-applikanti kollha abbażi taż-żona li għaliha huma jkunu talbu l-awtorizzazzjoni. Tali għoti jista' jistabbilixxi żona minima u/jew massima skont l-applikant u jsir ukoll parzjalment jew kompletament skont wieħed jew aktar mill-kriterji prijoritarji oġġettivi u nondiskriminatorji li ġejjin:";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li japplika wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru jista' jżid il-kondizzjoni addizzjonali li l-applikant għandu jkun persuna fiżika ta' eta ta' mhux aktar minn 40 sena fis-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.";

(d) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membru għandhom jagħmlu pubbliċi l-kriterji msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2a applikati minnhom u għandhom jinnotifikawhom minnufih lill-Kummissjoni.";

(8) l-Artikolu 148 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Fejn l-Istati Membri ma jisfruttawx il-possibbiltajiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, produttur, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jirrikjedu li kull konsenja ta' ħalib mhux ipproċessat lil proċessur ta' ħalib mhux ipproċessat tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet u/jew tkun is-suġġett ta' offerta bil-miktub għal kuntratt mill-ewwel xerrejja, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Jekk l-ewwel xerrej ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju fit-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, il-kuntratt u/jew l-offerta ta' kuntratt mhumiex obbligatorji, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-partijiet li jagħmlu użu minn kuntratt standard imfassal minn organizzazzjoni interprofessjonali.";

(b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-kuntratt u/jew l-offerta għal kuntratt imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandhom:";

(c) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, ma għandhomx ikunu meħtieġa kuntratt u/jew offerta għal kuntratt fejn il-ħalib mhux ipproċessat ikun ikkonsenjat minn membru ta' kooperattiva lill-kooperattiva li tagħha huwa jkun membru jekk l-istatuti ta' dik il-kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti jew derivati minnhom jinkludu dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2.";

(d) fil-paragrafu 4, il-parti introduttorja u l-punt (a) tat-tieni subparagrafu jinbidlu b'dan li ġej:

"Minkejja l-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn Stat Membru jiddeċiedi li jagħmel kuntratt bil-miktub għall-konsenja ta' ħalib mhux ipproċessat obbligatorju f'konformità mal-paragrafu 1, huwa jista' jistabbilixxi:

(i) l-obbligu għall-partijiet li jaqblu dwar relazzjoni bejn ċerta kwantità konsenjata u l-prezz pagabbli għal dik il-konsenja;

(ii) tul ta' żmien minimu, applikabbli biss għal kuntratti bil-miktub bejn bidwi u l-ewwel xerrej ta' ħalib mhux ipproċessat; tali tul ta' żmien minimu għandu jkun ta' mill-anqas sitt xhur, u ma għandux ixekkel il-funzjonament tajjeb tas-suq intern;";

(9) fl-Artikolu 149, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Organizzazzjoni tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li tkun rikonoxxuta taħt l-Artikolu 161(1) tista' tinnegozja f'isem il-bdiewa membri tagħha, fir-rigward ta' parti mill-produzzjoni konġunta tagħhom jew fir-rigward ta' kollha kemm hi, kuntratti għall-konsenja ta' ħalib mhux ipproċessat minn bidwi lil proċessur tal-ħalib mhux ipproċessat, jew lil kollettur fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 148(1).";

(10) l-Artikolu 152 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) ikunu ffurmati fuq l-inizjattiva tal-produtturi u li jwettqu għall-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(i) ipproċessar konġunt;

(ii) distribuzzjoni konġunta, inkluż permezz ta' pjattaformi konġunti tal-bejgħ jew ta' trasportazzjoni konġunta;

(iii) ippakkjar, tikkettar jew promozzjoni konġunti;

(iv) organizzazzjoni konġunta tal-kontroll tal-kwalità;

(v) l-użu konġunt ta' tagħmir jew faċilitajiet ta' ħżin;

(vi) ġestjoni konġunta tal-iskart direttament relatat mal-produzzjoni;

(vii) akkwist konġunt ta' prodotti;

(viii) kwalunkwe attività konġunta oħra ta' servizzi intenzjonati biex jinkiseb objettiv minn fost dawk elenkati fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. B'deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE, organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-ispejjeż tal-produzzjoni, tqiegħed fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli, f'isem il-membri tagħha għall-produzzjoni totali kollha tagħhom jew għal parti minnha.

L-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jitwettqu:

(a) dment li waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fil-punt (b)(i) sa (vii) tal-paragrafu 1 ikunu eżerċitati ġenwinament, u b'hekk jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE;

(b) dment li organizzazzjoni ta' produtturi tikkonċentra l-provvista u tqiegħed il-prodotti tal-membri tagħha fis-suq, irrispettivament jekk isirx trasferiment jew le tas-sjieda ta' prodotti agrikoli mill-produtturi lill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(c) kemm jekk il-prezz innegozjat ikunx l-istess jew le fir-rigward tal-produzzjoni aggregata ta' xi wħud mill-membri jew kollha;

(d) dment li l-produtturi kkonċernati ma jkunux membri ta' xi organizzazzjoni tal-produtturi oħra rigward il-prodotti koperti mill-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu;

(e) dment li l-prodott agrikolu ma jkunx kopert b'obbligu ta' konsenja li jirriżulta mill-fatt li bidwi jkun membru f'kooperattiva li hija stess ma tkunx membru tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi kkonċernati, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-istatuti tal-kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti jew derivati minnhom;

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-kondizzjoni stipulata fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu f'każijiet debitament iġġustifikati fejn il-membri produtturi jkollhom żewġ unitajiet distinti ta' produzzjoni li jkunu jinsabu f'żoni ġeografiċi differenti;

1b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi għal organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom jinkludu wkoll l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 156(1) jekk tali assoċjazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

1c. L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 tista' tiddeċiedi f'każijiet individwali li, għall-futur, waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1a jridu jiġu modifikati, ma jitkomplewx jew ma jseħħux għalkollox jekk tqis li dan hu meħtieġ sabiex jiġi evitat li tiġi eskluża l-kompetizzjoni jew jekk tqis li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 39 TFUE huma mhedda.

Għal negozjati li jkopru aktar minn Stat Membru wieħed, id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tittieħed mill-Kummissjoni mingħajr ma tiġi applikata l-proċedura msemmija fl-Artikolu 229(2) jew (3).

Meta taġixxi taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub minn qabel jew bla dewmien wara li tiftaħ l-ewwel miżura formali tal-investigazzjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet adottati bla dewmien wara li jkunu ġew adottati.

Id-deċiżjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw aktar kmieni mid-data tan-notifika tagħhom lill-impriżi kkonċernati.";

(c) il-paragrafu 3 jitħassar;

(11) l-Artikolu 154 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jiddeċiedu li jagħtu aktar minn rikonoxximent wieħed lil organizzazzjoni tal-produtturi li topera f'diversi setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) dment li l-organizzazzjoni tal-produtturi tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal kull settur li għalih tkun qed tfittex ir-rikonoxximent.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li organizzazzjonijiet ta' produtturi li jkunu ġew rikonoxxuti qabel l-1 ta' Jannar 2018 u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li huma rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi skont l-Artikolu 152.

3. Fejn organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu ġew rikonoxxuti qabel l-1 ta' Jannar 2018 iżda ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jirtiraw ir-rikonoxximent tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.";

(12) l-Artikolu 157 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (c) tal-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(xv) l-istabbiliment ta' klawżoli standard ta' kondiviżjoni tal-valur fis-sens tal-Artikolu 172a, inklużi bonuses u telf kummerċjali, li jiddeterminaw kif kull evoluzzjoni tal-prezzijiet rilevanti fuq is-suq tal-prodotti kkonċernati jew swieq komoditarji oħra għandha tiġi allokata bejniethom;

(xvi) l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu u jimmaniġġaw is-saħħa tal-annimali, il-protezzjoni tal-pjanti u r-riskji ambjentali.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. L-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jiddeċiedu li jagħtu aktar minn rikonoxximent wieħed lil organizzazzjoni interprofessjonali li topera f'diversi setturi msemmija fl-Artikolu 1(2) dment li l-organizzazzjoni interprofessjonali tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, il-paragrafu 3 għal kull settur li għalih tkun qed tfittex rikonoxximent.";

(c) fil-punt (c) tal-paragrafu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(xii) l-istabbiliment ta' klawżoli standard ta' kondiviżjoni tal-valur fit-tifsira tal-Artikolu 172a, inklużi bonuses u telf kummerċjali, li jiddeterminaw kif kull evoluzzjoni tal-prezzijiet rilevanti fuq is-suq tal-prodotti kkonċernati jew swieq komoditarji oħra għandha tiġi allokata bejniethom;

(xiii) jimplimentaw miżuri biex jipprevjenu u jimmaniġġaw is-saħħa tal-annimali, il-protezzjoni tal-pjanti u r-riskji ambjentali.";

(13) fl-Artikolu 159, l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

"**Rikonoxximent obbligatorju**";

(14) l-Artikolu 161 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja u l-punt (a) jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib l-entitajiet legali kollha jew partijiet definiti b'mod ċar ta' tali entitajiet, dment li:

(a) ikunu kostitwiti minn produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, ikunu ffurmati fuq l-inizjattiva tagħhom u isegwu għan speċifiku li jista' jinkludi wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:

(i) li jiġi żgurat li l-produzzjoni tiġi ppjanata u aġġustata skont id-domanda, partikolarment fir-rigward tal-kwalità u l-kwantità;

(ii) li tiġi kkonċentrata l-provvista u jitqiegħdu fis-suq prodotti magħmulin mill-membri tagħhom;

(iii) li jiġu ottimizzati l-ispejjeż tal-produzzjoni u jiġu stabbilizzati l-prezzijiet tal-produtturi;";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li organizzazzjonijiet ta' produtturi li ġew rikonoxxuti qabel it-2 ta' April 2012 fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li huma rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi.";

(15) l-Artikolu 168 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Fejn l-Istati Membri ma jisfruttawx il-possibbiltajiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, produttur, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu, fir-rigward ta' prodotti agrikoli f'settur imsemmi fl-Artikolu 1(2), apparti s-setturi tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u taz-zokkor, jirrikjedu li kwalunkwe konsenja tal-prodotti tagħhom lil proċessur jew distributur tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet u/jew tkun is-suġġett ta' offerta bil-miktub għal kuntratt mill-ewwel xerrejja, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 4 u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

Jekk l-ewwel xerrej ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju fit-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, il-kuntratt u/jew l-offerta ta' kuntratt mhumiex obbligatorji mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-partijiet li jagħmlu użu minn kuntratt standard imfassal minn organizzazzjoni interprofessjonali.";

(b) fil-paragrafu 4, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"4. Kwalunkwe kuntratt jew offerta għal kuntratt imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandha:";

(c) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, ma għandux ikun meħtieġ kuntratt jew offerta għal kuntratt fejn il-prodotti kkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' kooperattiva lill-kooperattiva li tagħha jkun membru jekk l-istatuti ta' dik il-kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti fi, jew derivati minn, dawn l-istatuti jkun fihom dispożizzjonijiet b'effetti simili għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 4.";

(16) l-Artikoli 169, 170 u 171 jitħassru;

(17) tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:

"Taqsima 5a

**Klawżoli dwar il-kondiviżjoni tal-valur**

*Artikolu 172a*

**Kondiviżjoni tal-valur**

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe klawżola speċifika dwar il-kondiviżjoni tal-valur fis-settur taz-zokkor, il-bdiewa, inklużi assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, u l-ewwel xerrej tagħhom jistgħu jaqblu dwar klawżoli dwar il-kondiviżjoni tal-valur, inklużi bonuses u telf tas-suq, li jiddeterminaw kif kwalunkwe evoluzzjoni tal-prezzijiet rilevanti tas-suq għall-prodotti kkonċernati jew swieq komoditarji oħra għandha tiġi allokata bejniethom.";

(18) fl-Artikolu 184, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew f'parti minnha, jew kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, li għandhom ikunu amministrati parzjalment jew għal kollox mill-Unjoni, li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali konklużi skont it-TFUE jew kwalunkwe att ieħor adottat skont l-Artikolu 43(2) jew l-Artikolu 207 TFUE, għandhom jinfetħu u/jew jiġu amministrati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 186 ta' dan ir-Regolament u atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 187 ta' dan ir-Regolament.";

(19) l-Artikolu 188 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 188*

**Il-proċess ta' allokazzjoni għall-kwoti tariffarji**

1. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika, permezz ta' pubblikazzjoni web xierqa, ir-riżultati tal-allokazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-applikazzjonijiet notifikati filwaqt li tqis il-kwoti tariffarji disponibbli u l-applikazzjonijiet notifikati.

2. Il-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħmel referenza wkoll, meta meħtieġ, għall-bżonn li jiġu miċħudin applikazzjonijiet pendenti, li tiġi sospiża l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet jew li jiġu allokati kwantitajiet mhux użati.

3. L-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzji tal-importazzjoni u liċenzji tal-esportazzjoni għall-kwantitajiet li ssir applikazzjoni għalihom fil-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni, soġġetti għall-koeffiċjenti ta' allokazzjoni rispettivi u wara li jsiru pubbliċi mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1.";

(20) l-Artikolu 209 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 101(1) TFUE m'għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet ta' bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 152 jew l-Artikolu 161 ta' dan ir-Regolament, jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament, li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, sakemm ma jiġux ipperikolati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.";

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin wara l-ewwel subparagrafu:

"Madankollu, il-bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 152 jew l-Artikolu 161 ta' dan ir-Regolament, jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti taħt l-Artikolu 156 ta' dan ir-Regolament, jistgħu jitolbu opinjoni mingħand il-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' dawk il-ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE.

Il-Kummissjoni għandha tittratta talbiet għal opinjonijiet minnufih u għandha tibgħat lill-applikant l-opinjoni tagħha fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi talba kompleta. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, tibdel il-kontenut ta' opinjoni, b'mod partikolari jekk l-applikant ikun ipprovda informazzjoni impreċiża jew ikun għamel użu skorrett tal-opinjoni.";

(21) l-Artikolu 222 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"1. Matul perijodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw li l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew assoċjazzjonijiet ta' tali assoċjazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti fi kwalunkwe wieħed mis-setturi msemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, dment li tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jfixklux il-funzjonament korrett tas-suq intern, ikunu strettament immirati sabiex jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat u jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(22) fl-Artikolu 232, jitħassar il-paragrafu 2;

(23) l-Annessi VII u VIII huma emendati skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 652/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Fil-każ tal-approvazzjoni ta' azzjonijiet pluriennali, l-impenji baġitarji jistgħu jiġu diviżi f'pagamenti annwali. Fejn l-impenji baġitarji jiġu diviżi hekk, il-Kummissjoni għandha timpenja l-pagamenti annwali b'kont meħud tal-progress tal-azzjonijiet, l-istimi tal-ħtiġijiet u l-baġit disponibbli.";

(2) fl-Artikolu 13, jitħassar il-paragrafu 5;

(3) fl-Artikolu 22, jitħassar il-paragrafu 5;

(4) fl-Artikolu 27, jitħassar il-paragrafu 5.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu:

(a) il-punt 11(a) u (b) tal-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015;

(b) il-punt 23(b) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016; u

(c) il-punt 3 tal-Artikolu 4 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | M. MAASIKAS |

*ANNESS I*

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-linja dwar l-Artikolu 17(3), Suġġett: Investiment f'assi fiżiċi, Settur agrikolu, Ammont Massimu f'EUR jew rata: 40 %, ir-raba' kolonna, il-parti introduttorja u l-ewwel inċiż jinbidlu b'dan li ġej:

"Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Dawn ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20 punt perċentwali addizzjonali, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90 %, għal:

— Bdiewa żgħażagħ għal massimu ta' ħames snin mid-data tal-istabbiliment kif stipulat fil-programm ta' żvilupp rurali, jew sa meta jitlestew l-azzjonijiet definiti fil-pjan tan-negozju msemmi fl-Artikolu 19(4);";

(2) fil-linja dwar l-Artikolu 17(3), Suġġett: Investiment f'assi fiżiċi, Proċessar u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, Ammont Massimu f'EUR jew rata: 40 %, ir-raba' kolonna tinbidel b'dan li ġej:

"Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20 punt perċentwali addizzjonali, sakemm dak it-total tal-appoġġ massimu pprovdut ma jaqbiżx 90 %, għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI, għal investimenti kollettivi u proġetti jew operazzjonijiet integrati marbutin ma' fużjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi";

(3) il-linji dwar l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 38(5) u l-Artikolu 39(5) jinbidlu b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "37(5) | Assigurazzjoni fuq l-uċuħ tar-raba', l-annimali u l-pjanti | 70 % | Tal-primjum tal-assigurazzjoni dovut |
| 38(5) | Fond mutwu għal avvenimenti klimatiċi negattivi, mard tal-annimali u tal-pjanti, infestazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara u inċidenti ambjentali | 70 % | Tal-ispejjeż eliġibbli |
| 39(5) | Għodda għall-istabilizzazzjoni tad- dħul | 70 % | Tal-ispejjeż eliġibbli" |

*ANNESS II*

Fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, it-tabella "Il-fatturi tal-konverżjoni u tal-ponderazzjoni msemmija fl-Artikolu 46(3)" hija emendata kif ġej:

(1) il-linja "Żoni bi msaġar b'newba qasira" tinbidel b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Żoni bi msaġar b'newba qasira (għal kull 1 m 2) | n.a. | 0,5 | 0,5 $m^2$" |

(2) il-linja "Żoni b'għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu" tinbidel b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Żoni b'għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu (għal kull 1 m 2) | n.a. | 1 | 1 $m^2$" |

(3) jiżdiedu l-linji li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Żoni bil-Miscanthus | n.a. | 0,7 | 0,7 $m^2$ |
| Żoni bis-Silphium perfoliatum | n.a. | 0,7 | 0,7 $m^2$ |
| Art li titħalla tistrieħ għall-pjanti li jintużaw fil-produzzjoni tal-għasel (l-ispeċijiet li jipproduċu ħafna għabra tad-dakra u nektar) | n.a. | 1,5 | 1,5 $m^2$" |

*ANNESS III*

L-Annessi VII u VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fil-punt 1(c) tal-Parti II tal-Anness VII, it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— il-limitu superjuri għall-qawwa alkoħolika totali jista' jkun aktar minn 15 % volum għal inbejjed b'denominazzjoni protetta ta' oriġini li jkunu saru mingħajr tisħiħ, jew b'tisħiħ biss permezz ta' proċessi ta' konċentrazzjoni parzjali elenkati fil-punt 1 tat-Taqsima B tal-Part I tal-Anness VIII, sakemm l-ispeċifikazzjoni tal-prodott fil-fajl tekniku tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini kkonċernata tagħti lok għal dik il-possibbiltà;";

(2) fit-Taqsima A tal-Part I tal-Anness VIII, il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fi snin meta l-kondizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment sfavorevoli, il-limitu jew limiti stabbiliti fil-punt 2 jistgħu jiżdiedu b'0,5 % mill-Istati Membri bħala eċċezzjoni għar-reġjunu kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tali żieda.".

## Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni

**Dwar l-Artikolu 1 - Żvilupp rurali**

— **Estensjoni tal-perjodu tal-pjanijiet ta' żvilupp rurali**

In-nefqa marbuta mal-programmi ta' żvilupp rurali għas-snin 2014-2020 approvata skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 se tibqa' eliġibbli għall-kontribut tal-FAEŻR jekk titħallas lill-benefiċjarji qabel il-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kummissjoni se tindirizza t-tkomplija tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-2020 'l quddiem fil-kuntest tal-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss.

— **Il-ġestjoni tar-riskju**

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-funzjonament u l-effiċjenza tal-għodod ta' ġestjoni tar-riskju li bħalissa huma inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, fil-kuntest tal-proposta tagħha dwar il-modernizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni.

— **Penali għal-Leader**

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-effettività u l-proporzjonalità tal-penali għal-LEADER inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.

**Dwar l-Artikolu 2 - Regolament Orizzontali**

— **Riżerva għall-kriżijiet**

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-operat tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, u r-rimborż tal-approprjazzjonijiet marbutin mad-dixxiplina finanzjarja kif previst mill-Artikoli 25 u 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, se jiġu rriveduti fil-kuntest tat-tħejjijiet għall-QFP li jmiss, bil-għan li jingħata lok għal intervent effiċjenti u f'waqtu fi żminijiet ta' kriżi fis-suq.

— **Awditu uniku**

Il-Kummissjoni tappoġġa l-istrateġija ta' awditu uniku, kif tikkonferma l-proposta tagħha għall-Artikolu 123 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-qafas legali attwali għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa agrikola, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, diġà jagħti lok għal tali approċċ, u li dan diġà ġie adottat fl-istrateġija tal-awditjar tagħha għall-perjodu 2014-2020. B'mod partikulari, fejn l-opinjoni tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni mħaruġa skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 titqies affidabbli, il-Kummissjoni tqis din l-opinjoni meta tiġi biex tivvaluta l-bżonn ta' awditi tal-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata.

**Dwar l-Artikolu 3 - Pagamenti Diretti**

— **Il-Pjan tal-Proteini**

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-qagħda tal-provvista u tad-domanda għall-proteini tal-pjanti fl-UE, u li tqis il-possibbiltà li tiġi żviluppata "strateġija Ewropea għall-proteini tal-pjanti" bil-għan li tkompli tħeġġeġ il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti fl-UE b'mod favorevoli għall-ekonomija u għall-ambjent.

**Dwar l-Artikolu 4 - OKS**

— **Skemi volontarji ta' tnaqqis fil-produzzjoni**

Il-Kummissjoni tikkonferma li r-Regolament (UE) 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli diġà jinkludi, fl-Artikoli 219 u 221 tiegħu, il-bażi ġuridika meħtieġa li, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji, tippermettilha tindirizza d-disturb fis-suq u problemi speċifiċi oħra, inkluż fil-livell reġjonali, bil-possibbiltà li tingħata għajnuna finanzjarja diretta lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiżdied, mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali, għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur, se tippermetti lill-Istati Membri jinkludu fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom il-possibbiltà li jikkumpensaw lill-bdiewa f'settur speċifiku f'każ ta' tnaqqis sinifikanti fid-dħul tagħhom.

Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-Artikolu 219 jippermettilha ddaħħal, f'każ ta' disturb fis-suq jew riskju ta' disturb fis-suq, skemi li fihom tingħata għajnuna tal-Unjoni lil produtturi li jintrabtu li jnaqqsu l-produzzjoni tagħhom b'mod volontarju, inkluż id-dettalji meħtieġa għall-operat ta' tali skema (eż. ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1612, ĠU L 242, 9.9.2016, p. 4).

— **Ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali transnazzjonali**

Il-Kummissjoni tfakkar li jeżistu regoli, stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/232, dwar il-kooperazzjoni fost il-produtturi fejn jidħol ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali, tal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali, jew tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali transnazzjonali, inkluż il-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa fost l-Istati Membri kkonċernati. L-operat u l-adegwatezza ta' dawn ir-regoli se jiġu rriveduti fil-kuntest tal-proċess li għaddej fuq il-modernizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-PAK.

— **Prattiki kummerċjali inġusti**

Il-Kummissjoni tikkonferma li varat inizjattiva dwar il-katina tal-provvista tal-ikel, li għaddejja bħalissa mid-diversi stadji meħtieġa mil-linji gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Se tiddeċiedi fuq proposta leġiżlattiva possibbli ladarba din il-proċedura tkun tlestiet, jekk possibbli fl-ewwel nofs tal-2018.

— **Kooperazzjoni fost il-produtturi**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar l-emendi lill-Artikoli 152, 209, 222 u 232. Il-Kummissjoni tinnota li l-emendi miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill huma ta' natura sostanzjali, u li ġew inklużi mingħajr valutazzjoni tal-impatt kif rikjest mill-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Dan iwassal għal livell mhux mixtieq ta' inċertezza legali u proċedurali, u l-impatt u l-implikazzjonijiet possibbli tagħha mhumiex magħrufa.

Billi l-bidliet lill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni meħudin flimkien iwasslu għal tibdil sinifikanti tal-qafas legali, il-Kummissjoni tinnota bi tħassib li wħud mid-dispożizzjonijiet il-ġodda favur l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jaf ikollhom l-effett li jipperikolaw il-vijabbiltà u l-benessri tal-bdiewa ż-żgħar, kif ukoll l-interess tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li tissalvagwardja l-kompetizzjoni effettiva fis-settur agrikolu, u li tagħti effett sħiħ lill-objettivi tal-PAK stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-emendi miftiehma mill-koleġiżlaturi jipprevedu biss rwol limitat ħafna kemm għall-Kummissjoni u kemm għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fis-salvagwardja ta' kompetizzjoni effettiva.

Il-qbil ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-proposta "Omnibus", inklużi l-emendi miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill, huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe proposta futura li l-Kummissjoni tista' tressaq f'dawn l-oqsma fil-kuntest tar-riforma tal-politika agrikoli komuni għall-perjodu ta' wara l-2020, kif ukoll għal kwalunkwe inizjattiva oħra li tkun maħsuba speċifikament biex tindirizza wħud mill-kwistjonijiet ittrattati mit-test li issa huwa miftiehem bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-kwistjoni tar-rwol limitat ħafna, kemm għall-Kummissjoni u kemm għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, fis-salvagwardja ta' kompetizzjoni effettiva, għadha ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti mill-koleġiżlaturi, u tesprimi tħassib rigward l-implikazzjonijiet possibbli ta' din il-limitazzjoni għall-bdiewa u għall-konsumaturi. Il-Kummissjoni tinnota li t-test legali għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mat-Trattat, speċifikament rigward il-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jintervjenu jekk organizzazzjoni tal-produtturi, li tkopri sehem kbir mis-suq, tfittex li tirrestrinġi l-libertà tal-membri tagħha biex jaġixxu. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li din il-possibbiltà mhijiex issalvagwardjata biċ-ċar fit-test legali.